IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
COM(2025) 548 final

2025/0223 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa, u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2025) 545 final} - {SWD(2025) 545 final} - {SWD(2025) 546 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament propost jibni fuq il-qafas legali stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (minn hawn 'il quddiem "il-Mekkaniżmu tal-Unjoni") kif ukoll fuq ir-Regolament (UE) 2021/522 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa") għall-perjodu 2021–2027. Jintroduċi qafas għall-protezzjoni ċivili u l-finanzjament tal-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa bil-għan li jintużaw is-sinerġiji u li tiġi appoġġata koordinazzjoni mtejba fis-setturi kollha. Għandu l-għan li jtejjeb l-effettività ġenerali fl-appoġġ għall-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons għal perikli naturali u kkawżati mill-bniedem, inkluż theddid transkonfinali serju għas-saħħa u fid-dawl tan-natura dejjem aktar kumplessa u interkonnessa tar-riskji u t-theddid li qed tiffaċċja l-Unjoni, kif enfasizzat mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fl-2023[1] u fl-2024[2].

Matul l-aħħar snin, l-Ewropa ffaċċjat sfida severa minn xenarju ta' riskju u theddid li qed jaggrava minħabba taħlita dejjem aktar volatili ta' sfidi għas-sigurtà, għas-saħħa, għat-tibdil fil-klima u ambjentali. Iż-żieda qawwija fl-għadd ta' attivazzjonijiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni tindika li s-sistemi nazzjonali x'aktarx li se jkomplu jitolbu appoġġ imsaħħaħ fir-rispons għal diżastri u kriżijiet. Għalhekk, il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jkun mgħammar b'mod adegwat biex jaġixxi b'mod aktar effiċjenti u effettiv fl-offerta ta' tali appoġġ, inkluż billi jissaħħu l-prevenzjoni u l-preparatezza.

Barra minn hekk, in-natura multidimensjonali tal-kriżijiet transsettorjali, bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, titlob approċċ aktar komprensiv u integrat għall-immaniġġar ta' kriżijiet, li jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib u effiċjenti bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex jinnavigaw b'mod effettiv l-isfidi li jippreżentaw. Il-kuntest ġeopolitiku kurrenti jeħtieġ it-tisħiħ tal-preparatezza u l-prontezza ċivili u militari tal-Ewropa, kif appellaw l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza[3] u l-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[4].

L-immaniġġar effettiv tal-kriżijiet se jeħtieġ koordinazzjoni mill-qrib bejn l-atturi ċivili u militari biex jiġu żgurati operazzjonijiet bla xkiel u effiċjenti għall-isforzi ċivili u militari. Din il-kooperazzjoni hija partikolarment kruċjali għal kwistjonijiet b'dimensjoni ta' użu doppju b'saħħitha, fejn l-atturi ċivili u militari jibbażaw fuq infrastrutturi kondiviżi, bħan-networks tat-trasport u ċ-ċentri loġistiċi. Billi jaħdmu flimkien, l-atturi ċivili u militari jistgħu jiżguraw li l-isforzi rispettivi tagħhom ikunu kkoordinati tajjeb u komplementari, u fl-aħħar mill-aħħar itejbu r-rispons ġenerali għall-kriżi. Għalhekk, objettiv importanti tal-proposta huwa li jiġi żgurat li r-Regolament ikun jista' joffri appoġġ aktar effiċjenti u effettiv għal kriżijiet kumplessi u b'impatt għoli bħal dawn[5] u l-approċċ tiegħu li jkopri l-perikli kollha, ta' gvern sħiħ u min-naħa tas-soċjetà kollha jenħtieġ li joħloq rabtiet aktar b'saħħithom bejn il-protezzjoni ċivili, is-saħħa, l-ambjent u s-sigurtà li jagħmlu disponibbli arranġamenti

[1] EUCO/2023/7 final.
[2] EUCO/2023/24 final.
[3] JOIN(2025) 130 final.
[4] JOIN(2025) 120 final.
[5] JOIN/2025/130 final.

simplifikati u aktar flessibbli biex jiġu indirizzati b'mod effettiv u effiċjenti kriżijiet transsettorjali u fuq medda ta' żmien twila.

L-integrazzjoni tal-miżuri ta' preparatezza u ta' rispons għal emerġenzi tas-saħħa f'din il-proposta tipprovdi saff addizzjonali ta' protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE, li fl-aħħar mill-aħħar issaħħaħ ir-reżiljenza u tissalvagwardja l-popolazzjoni kontra theddid serju għas-saħħa. L-emerġenzi tas-saħħa jista' jkollhom impatti estensivi lil hinn mis-settur tas-saħħa, li jaffettwaw l-istabbiltà soċjali, il-bilanċ ambjentali jew l-infrastruttura kritika. L-azzjonijiet ta' preparatezza u ta' rispons għall-emerġenzi tas-saħħa se jkomplu jiġu kkoordinati fi ħdan l-istrutturi kurrenti, inkluż il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa u l-Bord tal-HERA (Health Emergency Response Authority).

Barra minn hekk, flimkien ma' rekwiżiti orizzontali relatati u programmi oħra, il-proposta tappoġġa u tippromwovi miżuri biex jiġu antiċipati u evitati d-diżastri, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-kostijiet tagħhom għall-ekonomija tal-Unjoni, u timminimizza l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali negattiv tagħhom fuq ir-reġjuni u fuq il-persuni l-aktar vulnerabbli inklużi n-nisa, it-tfal, l-anzjani, ir-rifuġjati, il-persuni ta' minoranza razzjali jew etnika u l-persuni b'diżabilità. Fl-aħħar mill-aħħar dan se jikkontribwixxi għal tkabbir aktar sostenibbli u inklużiv kif ukoll għal ekwità interġenerazzjonali. Il-proposta tagħti wkoll kontribut sinifikanti għas-simplifikazzjoni, billi tgħaqqad f'test wieħed id-dispożizzjonijiet relatati mal-funzjonament tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni u dawk relatati mal-finanzjament tal-attivitajiet tiegħu, u b'hekk tissimplifika l-proċeduri eżistenti. Barra minn hekk, billi tiżgura li l-investimenti taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jsaħħu wkoll il-kompetittività u r-reżiljenza tal-bażi industrijali tal-Unjoni, twitti t-triq għal risponsi aktar strateġiċi, affidabbli u awtonomi, inkluż, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali, billi tippromwovi l-użu ta' soluzzjonijiet żviluppati jew prodotti fl-Unjoni.

Il-proposta tirrikonoxxi li l-individwi jistgħu jesperjenzaw forom multipli u intersezzjonali ta' vulnerabbiltà u għalhekk tippromwovi approċċ intersezzjonali għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din il-proposta tibni fuq ir-riżultati pożittivi li pproduċa l-qafas eżistenti sa issa, u għandha l-għan li tikkoreġi n-nuqqasijiet b'dispożizzjonijiet rinfurzati, sabiex tkompli tappoġġa, tikkoordina u tikkumplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Tibni wkoll fuq il-fergħa tal-preparatezza u ta' rispons għall-kriżijiet tal-Programm l-UE għas-Saħħa li jappoġġa l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2371 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa[6], u r-Regolament (UE) 2022/2372 dwar qafas ta' miżuri għall-iżgurar tal-provvista ta' kontromiżuri mediċi rilevanti għall-kriżi fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika fil-livell tal-Unjoni[7], u inizjattivi oħra biex jittejbu l-preparatezza u r-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa. Għandha tiżgura sinerġiji mal-mandati relatati mal-kriżi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti. Għandha l-għan li tiżgura li l-preparatezza u r-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa tal-Unjoni jiġu msaħħa flimkien mal-miżuri tal-protezzjoni ċivili. Ir-Regolament propost ikompli jallinja mal-politiki eżistenti billi jtejjeb il-preparatezza, il-prevenzjoni u l-kapaċitajiet ta' rispons fost l-Istati Membri. Isostni l-

[6] ĠU L 314, 6.12.2022, p. 26–63
[7] ĠU L 314, 6.12.2022, p. 64–78

impenn favur aktar solidarjetà u sforzi kkoordinati fil-livell Ewropew, filwaqt li jibni fuq il-pedamenti b'saħħithom tal-kooperazzjoni u l-inizjattivi tal-passat.

Barra minn hekk, minbarra l-allinjament mill-qrib mal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, l-Istrateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE[8] u Strateġija għall-Kontromiżuri Mediċi li tħejji l-Unjoni għall-kriżi tas-saħħa li jmiss[9], il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jaġixxi f'konformità mal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-UE[10], li għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' sigurtà għaċ-ċittadini tal-Unjoni, u l-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030 u l-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030[11] insostenn ta' pożizzjonament tad-difiża Ewropea aktar b'saħħtu kontra t-theddid estern. Hija konsistenti wkoll mal-Istrateġiji għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi u għall-Kontromiżuri Mediċi u tappoġġa l-obbligi tal-Unjoni skont il-Liġi Ewropea dwar il-Klima[12] biex jiġi żgurat progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità adattiva, it-tisħiħ tar-reżiljenza u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Taħt l-approċċ tal-preparatezza mit-tfassil kif deskritt fl-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, din il-proposta hija mfassla biex tippromwovi s-sinerġiji ma' oqsma ta' politika interna u esterna oħrajn skont approċċ integrat għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri fis-setturi u fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-aġenziji tal-UE, l-Istati Membri, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, u biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar it-tnaqqis u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri.

Speċifikament għall-politiki esterni, il-preparatezza u r-reżiljenza tal-UE u tal-Istati Membri huma dejjem aktar marbutin ma' dawk tas-sħab tagħna fid-dinja, li qegħdin jiffaċċjaw firxa simili ta' kriżijiet u sfidi globali. Il-ħidma mas-sħab tagħna biex nantiċipaw il-kriżijiet, inħejju għall-kriżijiet u nipprevjenuhom u nirrispondu għalihom hija ta' benefiċċju reċiproku u hija essenzjali biex jitnaqqas ir-riskju li kriżijiet li joriġinaw xi mkien ieħor iħallu effetti kaskata jew ta' konsegwenza għall-UE. F'ambjent ġeopolitiku dejjem aktar volatili, u biex tindirizza l-isfidi globali, din il-proposta tikkomplementa azzjonijiet li għandhom jitwettqu taħt l-Ewropa Globali, fejn l-UE u l-Istati Membri se jkomplu jiżviluppaw u japprofondixxu sħubija bilaterali u plurilaterali mfassla skont il-bżonn u ta' benefiċċju reċiproku.

Il-proposta tagħmel enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni mal-miżuri ta' preparatezza u ta' rispons għal emerġenzi tas-saħħa u l-għoti ta' assistenza umanitarja. Tenfasizza oqsma bħall-emerġenzi tas-saħħa pubblika; il-ġustizzja u l-affarijiet interni, inklużi l-assistenza konsulari u s-salvagwardja tal-infrastruttura kritika; il-ġestjoni ambjentali, b'enfasi fuq il-kontroll tal-għargħar u l-prevenzjoni ta' aċċidenti industrijali kbar; ir-reżiljenza u l-preparatezza għat-tibdil fil-klima; il-mitigazzjoni tat-tniġġis tal-baħar; ir-relazzjonijiet esterni u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, is-sigurtà, id-difiża u l-ispazju. Sabiex jinżammu l-koerenza u l-komplementarjetà ma' strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, il-proposta tinkorpora dispożizzjonijiet ċari li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, u b'hekk tevita d-duplikazzjoni jew kwalunkwe possibbiltà ta' finanzjament doppju.

---

8 COM(2025) 528 final.

9 COM(2025) 529 final.

10 COM(2025) 148 final.

11 JOIN/2025/120 final.

12 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1–17.

Fir-rigward tas-sigurtà tas-saħħa, din il-proposta tikkomplementa azzjonijiet dwar il-preparatezza tas-sigurtà tas-saħħa ffinanzjati minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni li għandhom l-għan li jsaħħu l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u l-aċċess għall-innovazzjoni tas-saħħa, kif previst taħt it-Tieqa proposta dwar is-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agrikoltura u l-Bijoekonomija tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-tieqa korrispondenti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka propost Orizzont Ewropa.

Il-proposta tirreferi għas-sistemi spazjali tal-Unjoni, li huma fundamentali għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni ta' preparatezza u ta' rispons għall-kriżijiet. L-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza tenfasizza li Copernicus, Galileo u s-servizzi tal-IRIS² li ġejjin jipprovdu għarfien tas-sitwazzjoni f'ħin reali, u jappoġġaw it-twissijiet bikrija u l-komunikazzjoni affidabbli meta n-networks terrestri jieqfu jaħdmu. Dawn il-kapaċitajiet huma indispensabbli fil-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet ta' emerġenza, u jappoġġaw il-protezzjoni ċivili, inkluż billi jiżguraw aċċess f'waqtu għal informazzjoni ta' twissija bikrija bbażata fuq l-ispazju biex jiġu mxerrda direttament messaġġi ta' twissija lill-popolazzjoni, u billi jtaffu l-impatti tad-diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażijiet legali ta' din il-proposta huma l-Artikoli 168(5), 196 u 322(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 168(5) tat-TFUE jipprovdi bażi legali għal miżuri ta' inċentiva mfassla biex jipproteġu u jtejbu s-saħħa tal-bniedem u b'mod partikolari biex jiġġieldu l-problemi maġġuri transfruntiera tas-saħħa, miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ, it-twissija bikrija ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa u l-ġlieda kontrih.

L-Artikolu 196 tat-TFUE jipprovdi bażi legali għal inizjattivi tal-Unjoni biex jittejbu l-kooperazzjoni u l-preparatezza kollettiva fost l-Istati Membri fil-ġestjoni ta' prevenzjoni, ta' preparatezza u ta' rispons għal diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem.

Dawn il-bażijiet legali jingħaqdu mal-Artikolu 322(1) tat-TFUE biex tkun permessa flessibbiltà finanzjarja billi tiġi pprovduta l-possibbiltà li jiġu riportati l-approprjazzjonijiet.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Kummissjoni għandha kompetenza ta' appoġġ fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. L-Istati Membri jerfgħu r-responsabbiltà primarja f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għad-diżastri. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni ġie stabbilit minħabba li d-diżastri kbar jistgħu jegħlbu l-kapaċitajiet ta' rispons ta' kwalunkwe Stat Membru meta jaġixxi waħdu filwaqt li l-miżuri ta' preparatezza u ta' rispons għal emerġenzi tas-saħħa jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni aktar robusti, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà u l-aċċess għal kontromiżuri mediċi rilevanti kontra theddid għas-saħħa eżistenti u emerġenti. L-għoti ta' assistenza reċiproka rapida u kkoordinata tajjeb fost l-Istati Membri jinsab fil-qalba tiegħu.

L-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri meta dawn jaġixxu waħedhom. L-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam tinvolvi l-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet b'dimensjoni transsettorjali u transfruntiera b'saħħitha, li neċessarjament jeħtieġu koordinazzjoni ġenerali u azzjoni miftiehma lil hinn mil-livell nazzjonali.

F’każijiet ta’ emerġenzi u f’kriżijiet transfruntiera kumplessi fejn tkun affettwata l-Unjoni Ewropea kollha kemm — bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna — huwa meħtieġ approċċ kollettiv koordinat tajjeb biex jiġu evitati l-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni. L-Unjoni tista’ tappoġġa lill-Istati Membri b’mod effiċjenti fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu, iħejju u jirrispondu għall-kriżijiet, u tkompli tippromwovi kultura ta’ prevenzjoni u reżiljenza madwar l-UE. Il-proposta tindirizza ħtieġa li ma tistax tiġi ssodisfata mill-Istati Membri billi jaġixxu waħedhom u tipprovdi valur miżjud ċar tal-Unjoni.

Il-benefiċċju tal-azzjoni tal-UE jinkludi t-tnaqqis tat-telf ta’ ħajjiet ta’ bnedmin u tad-dannu ambjentali, ekonomiku u materjali, li jippermetti lill-Istati Membri jikkontribwixxu b’mod aktar effettiv għall-assistenza tal-UE skont il-Mekkaniżmu u jibbenefikaw minn koordinazzjoni u kooperazzjoni mtejba, iż-żieda fil-livell ta’ preparatezza għal diżastri fuq skala kbira u l-ħolqien ta’ politika aktar koerenti għall-ġestjoni tar-riskju ta’ diżastri, u li jiġu segwiti ekonomiji ta’ skala, bħal loġistika u trasport kosteffettivi, rispons koerenti u effettiv permezz tal-kondiviżjoni volontarji tar-riżorsi, u użu aħjar tar-riżorsi skarsi bil-kondiviżjoni ta’ kapaċitajiet iffinanzjati mill-UE. Dan jappoġġa wkoll il-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-UE billi jippromwovi miżuri li jżidu l-preparatezza u r-reżiljenza strutturali u b’hekk inaqqsu t-telf ta’ assi ffinanzjati mill-UE f’każ ta’ diżastri. Benefiċċji simili jistgħu jinkisbu billi jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-preparatezza u r-rispons għat-theddid għas-saħħa. Il-viruses ma għandhomx fruntieri, u kif stajna naraw matul il-pandemija tal-COVID-19, azzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE biss żgurat l-iżvilupp, il-manifattura u d-distribuzzjoni ekwa tal-vaċċini u ta’ kontromiżuri mediċi rilevanti oħra lill-Istati Membri kollha tal-UE.

- **Proporzjonalità**

F’konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi. Il-prinċipju tal-proporzjonalità ggwida lill-Kummissjoni fit-tfassil tar-Regolament propost, li sar bl-għan li jiġu identifikati u permessi sinerġiji ma’ programmi oħra u li tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-Istati Membri huma u jiddefinixxu l-prijoritajiet għalih.

Il-proposta hija proporzjonata u tfittex li żżid il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fl-azzjonijiet li tappoġġa billi tnaqqas kemm jista’ jkun l-ostakli għall-parteċipazzjoni. Hija tipprevedi tnaqqis fil-piż amministrattiv fuq l-Unjoni u fuq l-awtoritajiet nazzjonali li kien limitat għal dak li huwa meħtieġ biex il-Kummissjoni teżerċita r-responsabbiltà tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti.

- **Għażla tal-istrument**

Sabiex ikunu żgurati l-applikazzjoni ġenerali u l-flessibbiltà finanzjarja, il-proposta hija Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-forma ta’ Regolament bħala att legali hija kompatibbli mar-rekwiżiti li jirregolaw ir-riport tal-approprjazzjonijiet stabbiliti fir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ir-Regolament jimplimenta s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-"Evalwazzjoni *interim* tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, 2017–2022" u l-"HERA review: Taking stock to reinforce health security in the EU" (2024), kif ukoll is-sejbiet preliminari tal-"Evalwazzjoni tal-Programm l-UE għas-Saħħa" u l-"Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2371" dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa speċifika dwar il-finanzjament tal-UE għall-protezzjoni ċivili, il-preparatezza u r-rispons għall-kriżijiet. L-istħarriġ kien miftuħ għaċ-ċittadini, in-negozji, l-assoċjazzjonijiet, u l-korpi governattivi kollha tal-UE u rċieva 1,187 tweġiba li minnhom total ta' 139 kellhom dokumenti ta' pożizzjoni mehmuża magħhom.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Matul l-aħħar snin, il-Kummissjoni organizzat diversi laqgħat mal-partijiet ikkonċernati esterni u ma' esperti fil-protezzjoni ċivili li jirrappreżentaw lill-Istati Membri: kapijiet tas-servizzi tal-protezzjoni ċivili u l-uffiċjali ta' grad għoli għall-protezzjoni ċivili kif ukoll esperti tematiċi, biex jiddiskutu suġġetti speċifiċi relatati mar-reviżjoni tal-qafas legali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Bi tħejjija għall-proposta, il-Kummissjoni wettqet Valutazzjoni tal-Impatt biex tidentifika l-problemi, tiddefinixxi l-objettivi tal-proposta u tistabbilixxi diversi għażliet għat-titjib u biex tivvaluta l-impatt tagħhom. L-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju kif ukoll ir-rapport ta' sinteżi jistgħu jinstabu fir-Reġistru tad-Dokumenti tal-Kummissjoni, bir-referenza 2025/MFF/05.

Il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat tliet għażliet ta' politika:

Fl-Għażla 1, ġie propost UCPM (Union Civil Protection Mechanism) settorjali msaħħaħ, inkluż tisħiħ immirat tal-ERCC (Emergency Response Coordination Centre). L-attivitajiet fil-livell tal-UE jeħtieġ li jkunu kkomplementati minn sforzi sinifikanti fil-livell nazzjonali, inkluż bil-ħsieb ta' kapaċitajiet ta' rispons, li fil-livell tal-UE huma limitati għas-settur tal-protezzjoni ċivili "tradizzjonali" (riżervi mediċi, kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN, chemical, biological, radiological and nuclear), tifi tan-nirien forestali mill-ajru, eċċ.). Filwaqt li ż-żieda fl-isforzi nazzjonali tippermetti li jiġu indirizzati b'suċċess l-objettivi kollha, il-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE ma jiġix sfruttat bis-sħiħ. B'riżultat ta' dan, din l-għażla tqieset li kienet nieqsa mill-effettività, mill-effiċjenza, mill-koerenza esterna, u mis-simplifikazzjoni, meta mqabbla mal-Għażla 2.

Fl-Għażla 2, UCPM transsettorjali jlaqqa' flimkien il-UCPM u l-attivitajiet rilevanti għall-preparatezza għas-sigurtà tas-saħħa pubblika. Meta mqabbla mal-Għażla 1, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-protezzjoni ċivili u l-attivitajiet ta' preparatezza għal emerġenzi tas-saħħa jinkisbu permezz ta' strument uniku. L-istruttura integrata tal-baġit tiżgura l-flessibbiltà u l-aġilità fil-ġestjoni tal-istrument. L-Għażla 2 tipprevedi l-istabbiliment ta' ċentru tal-UE għall-koordinazzjoni tal-kriżijiet, u b'hekk isir il-kapaċità ċentrali tal-UE għall-preparatezza transsettorjali għar-riskji, inkluż għall-kumulazzjoni tar-riżervi u l-koordinazzjoni tal-immaniġġar tal-kriżijiet. Il-kapaċitajiet ta' rispons fil-livell tal-UE huma

adattati għax-xenarju l-ġdid ta' periklu u theddid. Valutazzjoni tar-riskju tal-UE tisfrutta s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet tal-valutazzjonijiet u l-għarfien espert settorjali. Aktar attivitajiet rilevanti għall-emerġenzi tas-saħħa huma inklużi fil-ġlieda kontra t-theddid transfruntier serju għas-saħħa f'konformità man-natura transsettorjali ġenerali tal-inizjattiva.

L-għażla ta' politika 3 tinvolvi bħala l-element ewlieni tagħha l-ħolqien ta' strument ta' finanzjament uniku (Fond ta' Preparatezza) fil-livell tal-UE li jinkludi l-mekkaniżmi u l-attivitajiet kollha rilevanti għall-preparatezza għall-QFP kollu. Dan il-fond jinkorpora l-mekkaniżmi kollha relatati mal-preparatezza u mal-elementi ta' finanzjament tal-QFP kurrenti, inkluż iżda mhux limitat għall-UCPM, il-fergħa ta' preparatezza għall-kriżijiet tal-Programm l-UE għas-Saħħa, u l-elementi rilevanti għall-preparatezza fil-Kwadri Finanzjarji Nazzjonali, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u Erasmus+. F'termini ta' struttura, dan ikun jimplika li d-diversi modi ta' ġestjoni tal-programmi kollha jintużaw f'dan il-fond uniku: diretta (implimentata mill-Kummissjoni), kondiviża (eż. fondi strutturali) u indiretta (eż. organizzazzjonijiet differenti tas-sistema tan-NU bħad-WHO, il-UNHCR, il-UNICEF). Din l-għażla kieku ġġib magħha sfidi fundamentali inerenti, inkluż fil-ġestjoni tal-allokazzjonijiet baġitarji għall-programmi u l-istrumenti kollha ta' finanzjament. L-Għażla ta' Politika 3 titqies li ma hijiex vijabbli u għalhekk twarrbet fi stadju bikri.

L-għażla ta' politika ppreferuta u l-impatti ewlenin tagħha

L-għażla ta' politika ppreferuta tqieset li hija l-Għażla 2 peress li tisfrutta bis-sħiħ il-valur miżjud tal-UE u, b'hekk, tilħaq l-objettivi b'mod komprensiv. Fil-kuntest ta' xenarju ta' kriżi li qed isir aktar multidimensjonali, u transfruntier, l-għażla ta' politika 2 twassal għal benefiċċji soċjali (eż. denominatur komuni ogħla fil-preparatezza tal-popolazzjoni), ambjentali (eż. preservazzjoni b'aktar suċċess tal-ispazji naturali u tal-bijodiversità), u ekonomiċi (eż. il-kostijiet assoċjati ma' prevenzjoni u preparatezza komprensivi huma ferm aktar baxxi minn dawk għar-rispons) importanti.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta timplimenta titjib sinifikanti għar-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-qafas legali globali, inkluż, b'mod partikolari, titjib fiċ-ċarezza operazzjonali u l-effiċjenza. Pereżempju, il-proċeduri tar-rapportar tar-riskji ġew iċċentralizzati fi struttura ddedikata, li tispjega l-produzzjoni kollaborattiva tar-riżultati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, u b'hekk tippromwovi fehim kondiviż tas-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju.

Barra minn hekk, l-appoġġ tal-Unjoni għar-rispons jingħaqad fi ħdan artikolu wieħed, u b'hekk jissimplifika l-identifikazzjoni ta' xenarji operazzjonali possibbli, li jsaħħaħ l-effettività tal-prontezza u tar-rispons. L-isforzi ta' koordinazzjoni huma msaħħa u ċċarati aħjar bit-tisħiħ ulterjuri tal-kapaċitajiet taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC, Emergency Response Coordination Centre) u bil-ħolqien ta' ċentru speċjalizzat għall-koordinazzjoni tal-kriżijiet biex jappoġġa lill-Istati Membri dwar l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-konsegwenzi tal-kriżijiet fis-setturi kollha. Is-saff ta' rispons huwa kkomplementat minn ċarezza dwar ir-rati ta' kofinanzjament applikabbli, billi dawn jiġu integrati b'mod koeżiv f'punt ta' referenza komprensiv wieħed, li jelimina l-ħtieġa ta' konsultazzjonijiet ta' diversi artikoli. Filwaqt li jenfasizza l-flessibbiltà tat-trasport, ir-Regolament jippermetti azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati fejn l-ebda għażla ta' trasport kummerċjali ma tkun vijabbli iżda fejn ikunu disponibbli alternattivi tal-Istati Membri, miżura li tippremja s-soluzzjonijiet innovattivi tal-istat u tenfasizza strateġiji adattabbli.

Dan it-titjib jirrifletti sforz impenjat biex jiġu rfinuti l-oqfsa strutturali u operazzjonali tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu kemm adattabbli kif ukoll robusti fl-indirizzar tal-kumplessitajiet ta' emerġenzi kemm dawk antiċipati kif ukoll dawk mhux

mistennija. Dan l-approċċ koeżiv jikkonforma mal-għan globali li jinħoloq qafas ta' protezzjoni ċivili aktar effettiv u trasparenti. Aktar djalogu u feedback huma mħeġġa biex jiġi żgurat l-allinjament ta' dawn l-istrateġiji mal-ħtiġijiet operazzjonali prattiċi.

- **Drittijiet fundamentali**

Ir-reviżjonijiet legali tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni u l-miżuri ta' appoġġ proposti fil-qasam tal-preparatezza u r-rispons għas-saħħa huma mfassla biex jallinjaw mad-drittijiet fundamentali kif deskritti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u jsostnuhom. Dan il-memorandum jispjega fid-dettall kif dawn ir-reviżjonijiet jintegraw id-drittijiet fundamentali ewlenin.

Id-dritt għall-ħajja (l-Artikolu 2) huwa enfasi primarja, peress li l-objettiv tal-proposta huwa li tipproteġi u tippreserva l-ħajja umana waqt diżastri u emerġenzi. Permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri, l-emendi għandhom l-għan li jtejbu l-kapaċità ta' rispons tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, filwaqt li jappoġġaw direttament il-protezzjoni tal-ħajja permezz ta' ġestjoni effiċjenti tad-diżastri.

Id-drittijiet għal-libertà u għas-sigurtà (l-Artikolu 6) ukoll huma ċentrali għall-proposta. It-titjib jiżgura reazzjonijiet f'waqthom għat-theddid, u b'hekk itejjeb kemm is-sigurtà individwali kif ukoll dik kollettiva madwar l-Unjoni. Dan it-titjib jgħin biex jiġu ssalvagwardjati ċ-ċittadini billi jiġu żgurati l-użu u l-koordinazzjoni rapidi matul il-kriżijiet.

L-attenzjoni għall-protezzjoni tas-saħħa (l-Artikolu 35) tinvolvi l-kjarifika tar-rwol tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni fl-iżgurar ta' reazzjonijiet robusti tas-saħħa pubblika. B'mod partikolari waqt emerġenzi relatati mas-saħħa, dawn ir-reviżjonijiet itejbu l-kooperazzjoni transfruntiera u l-allokazzjoni tar-riżorsi, u b'hekk jappoġġaw is-saħħa bħala dritt fundamentali.

Id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tal-ambjent, kif minqux fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu rwol kruċjali fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Dan il-mekkaniżmu, li huwa mfassal biex jappoġġa reazzjonijiet koordinati għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem madwar l-UE u lil hinn minnha, irid jinkludi b'mod inerenti l-protezzjoni tal-ambjent bħala komponent ewlieni tal-operazzjonijiet tiegħu. Il-protezzjoni tal-ambjent hija partikolarment rilevanti f'kull waħda mit-tliet fażijiet tal-ġestjoni tad-diżastri, inkluż fir-rigward ta' theddid serju għas-saħħa: il-prevenzjoni, it-tnaqqis tal-probabbiltà u l-impatt tal-perikli ambjentali; il-preparatezza, biex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ sistemi biex itaffu l-ħsara lill-ekosistemi u lill-bijodiversità; u r-rispons, biex tiġi indirizzata malajr il-ħsara lill-ambjent li tirriżulta minn diżastri bħan-nirien forestali, it-tixrid ta' sustanzi kimiċi, jew l-għargħar. Ir-rikonoxximent tal-protezzjoni tal-ambjent bħala dritt fundamentali jsaħħaħ l-obbligu tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri li jintegraw il-kunsiderazzjonijiet ekoloġiċi fil-politiki u l-azzjonijiet tal-protezzjoni ċivili.

Billi jħaddnu approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha, ir-reviżjonijiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni jsaħħu d-dritt fundamentali għall-ugwaljanza (Kapitolu III) billi jiżguraw li l-ħtiġijiet tan-nisa u tal-gruppi f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà u/jew li jiffaċċjaw diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali — bħat-tfal, l-anzjani, il-persuni b'diżabilità, il-persuni bi sfond ta' minoranza razzjali jew etnika — jitqiesu fil-fażijiet kollha ta' prevenzjoni, ta' preparatezza u ta' rispons.

Barra minn hekk, id-dritt għal amministrazzjoni tajba (l-Artikolu 41) huwa evidenti fl-enfasi fuq iċ-ċarezza u s-simplifikazzjoni proċedurali. Dawn il-bidliet jiżguraw li l-mekkaniżmu jopera b'mod trasparenti u effiċjenti, u b'hekk joħolqu qafas affidabbli għar-reazzjoni f'każ ta' emerġenza.

Dawn ir-reviżjonijiet jirriflettu approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fundamentali għat-tisħiħ tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni li jiżgura li dan jappoġġa l-kapaċità protettiva u l-valuri inkorporati

fil-Karta tal-UE. Aktar feedback u diskussjoni huma mħeġġa biex dawn l-istrateġiji jiġu rfinuti sabiex jirrispettaw u jaqdu d-drittijiet fundamentali tal-individwi kollha bl-aħjar mod.

Din il-proposta tqis l-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD, UN Convention on the Rights of Persons with Disabilities), li l-UE hija parti għaliha flimkien mal-Istati Membri kollha. B'mod partikolari, l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni dwar Sitwazzjonijiet ta' riskju u emerġenzi umanitarji jindika li l-Istati li huma Partijiet għaliha għandhom jieħdu, f'konformità mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni u s-sikurezza tal-persuni b'diżabilità f'sitwazzjonijiet ta' riskju.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-pakkett finanzjarju indikattiv skont dan ir-Regolament jammonta għal EUR 10 675 000 000 (prezzijiet kurrenti).

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Abbażi tal-Kapitolu II tar-regolament dwar il-valutazzjoni u l-antiċipazzjoni tar-riskju, il-proċess tal-iżvilupp tal-politika skont dan ir-regolament propost rivedut jinvolvi diversi elementi ewlenin u rapporti, li huma allinjati fiċ-ċikli ta' rapportar u sekwenzjati biex jiġi żgurat approċċ ċikliku u effettiv għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri.

Il-proċess jibda fil-livell nazzjonali, fejn l-Istati Membri huma responsabbli biex jiżviluppaw u jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju fil-livell nazzjonali jew subnazzjonali li jkunu disponibbli għall-pubbliku. Dawn il-valutazzjonijiet tar-riskju jinfurmaw l-iżvilupp tal-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, inklużi r-riskji għas-sigurtà u t-theddid ibridu, li jqis il-kollaborazzjoni transfruntiera u r-riskji b'effetti transkonfinali. Tali valutazzjonijiet u pjanijiet għandhom ikunu konsistenti u kkoordinati ma' proċessi nazzjonali rilevanti oħra. Barra minn hekk, u bħala prerekwiżit għal valutazzjonijiet tar-riskju informati, l-Istati Membri huma mistennija jtejbu l-ġbir tagħhom tad-data dwar it-telf mid-diżastri.

Mill-inqas darba kull 5 snin, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni sommarji tal-valutazzjonijiet tar-riskju, il-kapaċitajiet ta' rispons, u l-attivitajiet tagħhom li jappoġġaw l-għanijiet tal-Unjoni tar-reżiljenza għad-diżastri. Il-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-linji gwida għas-sottomissjoni ta' dawn is-sommarji, filwaqt li tiżgura li l-proċess ikun standardizzat u effettiv.

Fil-livell tal-Unjoni, it-trażmissjoni tal-informazzjoni mitluba u ta' data disponibbli oħra tippermetti lill-Kummissjoni timmappja l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tar-riskji fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u subnazzjonali biex tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-bini tal-kapaċitajiet relatat. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju stabbilita, il-Kummissjoni regolarment tirrieżamina x-xenarji ta' diżastri għall-Unjoni kollha għall-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons għad-diżastri, li mbagħad jikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri tal-għanijiet tal-Unjoni tar-reżiljenza għad-diżastri bħala suppożizzjonijiet tal-ippjanar miftiehma dwar il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri li għandu jkun hemm fis-seħħ. B'dawn l-indikaturi miftiehma stabbiliti, il-Kummissjoni tipproduċi rapporti regolari dwar ir-riskji naturali u kkawżati mill-bniedem li qed tiffaċċja l-Unjoni, il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju u l-għanijiet tar-reżiljenza għad-diżastri kif ukoll dwar il-kapaċitajiet u l-possibbiltajiet ta' rispons meħtieġa fil-livell tal-Unjoni għall-

appoġġ tal-azzjoni nazzjonali fl-indirizzar tax-xenarju li qed jevolvi tar-riskju u t-theddid. Dan ir-rapportar għandu jkun konsistenti u kkoordinat ma' proċessi rilevanti oħra fil-livell tal-UE.

Dan is-sekwenzjar jiżgura li l-valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskju u l-ippjanar jiġu integrati fi proċess ta' valutazzjoni u ta' stabbiliment tal-għanijiet fil-livell tal-Unjoni, li min-naħa tiegħu jinforma l-azzjonijiet nazzjonali u l-bini tal-kapaċitajiet, b'mekkaniżmi ta' rieżami u aġġornament regolari biex jiġi żgurat li l-politiki jibqgħu effettivi u rilevanti.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istati Membri dwar miżuri speċifiċi ta' prevenzjoni u preparatezza. Il-Kummissjoni tista' wkoll tipproponi l-iskjerament ta' esperti jew tagħmel rakkomandazzjonijiet biex jissaħħu l-livelli ta' prevenzjoni u preparatezza.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

In-novità ewlenija tar-Regolament propost hija l-istabbiliment tas-saff ta' preparatezza transsettorjali kif ukoll l-inkorporazzjoni tal-finanzjament għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa.

Is-saff ta' preparatezza l-ġdid għandu l-għan li jelimina l-lakuni kwantitattivi u kwalitattivi fil-qafas legali kurrenti. Dan jibni fuq it-tagħlimiet meħuda identifikati mill-pandemija tal-COVID-19, iż-żieda reċenti fl-mpox u l-operazzjonijiet reċenti tal-UCPM, b'mod partikolari fir-rigward ta' kriżijiet transkonfinali kumplessi u r-rispons għall-ħtiġijiet fir-rigward tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Jirrifletti r-riċerka u l-prospettiva dwar ix-xenarju ta' riskju u theddid li qed jevolvi tal-Ewropa, filwaqt li jenfasizza n-natura dejjem aktar sistemika tar-riskji u l-impatt dejjem akbar tal-effetti kaskata fuq setturi differenti. Barra minn hekk, iqis riflessjonijiet li jħarsu 'l quddiem mal-Istati Membri dwar il-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament kontinwu tas-sistemi eżistenti tal-protezzjoni ċivili fl-Ewropa taħt xenarji dejjem aktar kumplessi ta' emerġenza u ta' kriżi.

Fir-rigward tal-lakuni kwantitattivi, dan is-saff il-ġdid għandu jippermetti li jiġu indirizzati kriżijiet transsettorjali ta' impatt għoli f'approċċ aktar komprensiv u integrat li jikkoordina l-arranġamenti ta' preparatezza u ta' rispons b'mod aktar effettiv fost is-setturi affettwati. Fir-rigward tal-lakuni kwalitattivi, dan jippermetti li jiġu indirizzati r-riskji u t-theddid li għalihom ma hemm l-ebda għodda eżistenti disponibbli. Dan se jippermetti li titnaqqas il-frammentazzjoni fl-istrutturi tal-immaniġġar ta' kriżijiet fil-livell tal-UE, se jissimplifika l-proċeduri u se juża r-riżorsi b'mod aktar effiċjenti fl-indirizzar b'mod partikolari tar-riskji emerġenti għas-sigurtà relatati ma' theddid ibridu u t-tfixkil fl-operat tal-infrastruttura kritika b'impatt transsettorjali.

Il-komponent tal-preparatezza u r-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa tar-Regolament propost se jtejjeb il-finanzjament għas-sorveljanza, id-detezzjoni, u l-fehim ta' theddid emerġenti u imminenti għas-saħħa, u se jgħaqqad dan l-għarfien ma' kontromiżuri mediċi. F'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, dan se jtejjeb l-aċċess għall-kapaċitajiet tal-produzzjoni waqt il-kriżijiet, u se jappoġġa l-akkwist, il-kumulazzjoni ta' riżervi, u l-implimentazzjoni ta' kontromiżuri mediċi bħala parti mill-isforzi ta' preparatezza u ta' rispons. Se jappoġġa wkoll l-iżvilupp tal-għarfien u l-kapaċità tal-Istati Membri tal-UE biex jipprevjenu, iħejju u jirrispondu għal theddid transfruntier serju għas-saħħa.

L-ERCC huwa previst li se jkollu rwol ewlieni b'kapaċità estiża ġdida ta' Ċentru ċentrali tal-UE għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet. Il-qasam ewlieni ta' attività tiegħu għandu l-għan li jiffoka fuq fehim aħjar tal-kriżijiet li jiffaċilitaw arranġamenti ta' preparatezza u rispons aktar

proattivi, koordinazzjoni transsettorjali mingħajr ma jassumi kontroll jew mingħajr ma jidduplika l-għarfien espert settorjali u monitoraġġ imtejjeb filwaqt li jżomm lill-Istati Membri u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet informati, fir-rigward tal-kompetenza u tar-responsabbiltà.

Minħabba l-kompetenza ta' appoġġ f'dan il-qasam ta' politika u s-sensittivitajiet nazzjonali relatati tal-espansjoni tal-kapaċitajiet tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżijiet, l-użu operazzjonali tal-arranġamenti ta' rispons skont dan is-saff ta' preparatezza addizzjonali għandu jkun marbut ma' mekkaniżmu ta' skattar li għandu jiġi attivat mill-Kunsill u li għandu jkun marbut ma' proċeduri eżistenti bħall-attivazzjoni tal-arranġamenti tal-IPCR (Integrated Political Crisis Response) jew il-klawżola ta' solidarjetà (skont l-Artikolu 222 tat-TFUE).

Abbażi tat-tagħlimiet meħuda, ir-rati ta' kofinanzjament u r-regoli operazzjonali stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 1313/2013 u skont il-programm l-UE għas-Saħħa se jiġu ssimplifikati biex tkun possibbli implimentazzjoni aktar effettiva u flessibbli fi kriżijiet li jevolvu malajr. Għalhekk, ir-Regolament propost għandu l-għan li jiċċara r-regoli dwar l-operazzjonalizzazzjoni ta' ħafna azzjonijiet ta' rispons, bħall-istabbiliment ta' ċentri loġistiċi u ċentri ta' evakwazzjoni medika, l-evakwazzjonijiet mediċi fihom infushom, il-pożizzjonament minn qabel tal-kapaċitajiet ta' rispons u tat-timijiet ta' intervent. Se jinkorpora wkoll b'mod aktar ċar id-donazzjonijiet mis-settur privat taħt l-UCPM, li ġew stabbiliti b'suċċess matul l-operazzjonijiet b'reazzjoni għall-ħtiġijiet fl-Ukrajna.

Barra minn hekk, ir-Regolament propost se jiddefinixxi aħjar l-appoġġ tal-UCPM lill-Istati Membri fiċ-ċikli ta' preparatezza nazzjonali tagħhom. Dan jinkludi regoli ddedikati li jħeġġu r-rieżamijiet bejn il-pari u l-valutazzjonijiet volontarji tas-sistemi nazzjonali ta' preparatezza. Ir-rwol tan-Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili bħala pilastru tal-bini tal-kapaċitajiet se jissaħħaħ ulterjorment bħala pjattaforma għall-iskambju ta' għarfien espert, tagħlimiet meħuda, u prattiki innovattivi fil-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, filwaqt li se jiżdiedu regoli dwar il-preparatezza tal-popolazzjoni u l-kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati ewlenin (il-militar u s-settur privat) fil-kuntest ta' taħriġ u eżerċizzji.

Ir-Regolament propost ifittex li jistabbilixxi struttura baġitarja aktar flessibbli u integrata bbażata fuq l-objettiv usa' tiegħu u l-kamp ta' applikazzjoni tal-preparatezza. Il-flessibbiltà u r-rispons imtejba għal kriżi b'impatt għoli u theddid emerġenti ġdid jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn attivitajiet korrispondenti relatati mal-prevenzjoni u l-preparatezza, bħall-antiċipazzjoni, il-prospettiva, u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet.

2025/0223 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa, u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 168(5), 196 u 322(1), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[13],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[14],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fid-dawl taż-żieda sinifikanti fin-numri u fis-severità tal-perikli naturali u kkawżati mill-bniedem f'dawn l-aħħar snin, huwa meħtieġ it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili fil-livell tal-Unjoni biex tinħoloq Unjoni reżiljenti bil-kapaċitajiet meħtieġa biex jiġu antiċipati u ġestiti dawk ir-riskji u t-theddid, indipendentement min-natura tal-oriġini tagħhom, biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni jgawdu protezzjoni adegwata. Jenħtieġ li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (il-"Mekkaniżmu tal-Unjoni") jissodisfa dan ir-rwol billi jsaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri biex tittejjeb il-kapaċità ġenerali ta' prevenzjoni, tħejjija, u rispons għal diżastri u kriżijiet.

(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni u l-finanzjament tal-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet kurrenti huma kkalkolati billi jiġi applikat deflatur fiss ta' 2 %. Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] (ir-"Regolament Finanzjarju") japplika għal dan ir-Regolament. Dan jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux

13 *ĠU L..., p.

14 *ĠU L..., p.

15 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji.

(3) Filwaqt li l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' preparatezza huma essenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Unjoni meta tiffaċja diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, huwa fin-natura tad-diżastri li l-okkorrenza, it-twaqqit u d-daqs tagħhom huma imprevedibbli. Ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jiġi żgurat rispons adegwat jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti minn sena għal oħra u jenħtieġ li jsiru disponibbli minnufih. Għalhekk, ir-rikonċiljazzjoni tal-prinċipju baġitarju tal-prevedibbiltà man-neċessità ta' rispons rapidu għal ħtiġijiet ġodda tfisser li l-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi ta' ħidma trid tiġi adattata. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġi awtorizzat ir-riport tal-approprjazzjonijiet li ma jintużawx, b'limitu għas-sena ta' wara u biss f'każ ta' azzjonijiet ta' rispons, flimkien mar-riport ta' approprjazzjonijiet awtorizzati skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

(4) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza reċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi ta' nfiq tal-Unjoni aktar flessibbli. Għal dak il-għan, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li jiżgura biżżejjed prevedibbiltà għall-implimentazzjoni tal-baġit.

(5) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[16], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[17] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939[18], l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19]. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(6) Il-protezzjoni li trid tiġi żgurata taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jenħtieġ li tkopri n-nies, l-ambjent u l-proprjetà, inklużi l-akkomodazzjoni, l-infrastruttura kritika, bħall-

16 ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1–4
17 ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2–5
18 ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1–71
19 ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29–41

infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport jew tal-ispazju, u l-wirt kulturali, kontra kull tip ta' diżastru naturali u kkawżat mill-bniedem. Ir-referenza għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem jenħtieġ li tinftiehem bħala li tirreferi għall-konsegwenzi tal-perikli naturali u kkawżati mill-bniedem kollha. Dan jenħtieġ li jinkludi atti ta' terroriżmu, diżastri teknoloġiċi, radjoloġiċi jew ambjentali, tibdil fil-klima, tniġġis tal-baħar u tal-ilmijiet interni, tfixkil fil-provvista tal-ilma u r-reżiljenza tal-ilma, instabbiltà idroġeoloġika, emerġenzi tas-saħħa, u diżastri jew emerġenzi ibridi mhux definiti oħrajn, li jseħħu fl-Unjoni jew barra minnha. Dawk id-diżastri jeħtieġu koordinazzjoni transsettorjali f'sitwazzjonijiet fejn jiġu applikati wkoll mekkaniżmi oħra tal-Unjoni għall-immaniġġar ta' kriżijiet.

(7) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jenħtieġ li jippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri permezz ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni prattiċi, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri li jħarsu l-persuni, l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, fit-territorju tagħhom kontra kull diżastru u li jipprovdu kapaċitajiet suffiċjenti lis-sistemi tagħhom ta' ġestjoni tad-diżastri biex jippermettulhom jipprevjenu u jlaħħqu b'mod adegwat u konsistenti ma' diżastri ta' natura u skala li jistgħu raġonevolment jistennew u jħejju għalihom.

(8) Sabiex tippromwovi l-konsistenza fl-azzjoni internazzjonali tagħha fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, l-Unjoni jenħtieġ li tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet intergovernattivi permezz tat-tisħiħ tad-djalogu ta' politika u l-iskambju tal-għarfien u tal-aħjar prattiki, peress li d-diżastri u l-kriżijiet qed jikbru fl-iskala u fil-kamp ta' applikazzjoni madwar id-dinja u r-riskji u t-theddid tagħhom huma kondiviżi mill-Unjoni.

(9) Sabiex jitrawwem approċċ integrat u komprensiv għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, l-azzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkopri l-prijoritajiet għal azzjoni kollha taħt il-qafas ta' Sendai. Filwaqt li l-miżuri ta' reżiljenza u preparatezza strutturali huma indirizzati orizzontalment u fi programmi rilevanti tal-Unjoni, il-Mekkaniżmu jenħtieġ li jindirizzahom fil-fażijiet differenti tiegħu taċ-ċiklu tal-ġestjoni tad-diżastri, jiġifieri l-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons, permezz ta' ppjanar u azzjoni kkoordinati li jantiċipaw u jtaffu r-riskji, itejbu l-preparatezza u jippermettu rispons effettiv filwaqt li l-irkupru u r-rikostruzzjoni jenħtieġ li jibqgħu indirizzati fi strumenti oħra tal-Unjoni. L-Unjoni jenħtieġ li tippromwovi l-importanza tal-prevenzjoni tad-diżastri u l-integrazzjoni ta' miżuri preventivi fil-governanza u fil-politiki settorjali, bil-ħsieb li jitnaqqsu r-riskji, tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-popolazzjoni, tal-infrastruttura u tas-servizzi essenzjali u jiġi minimizzat l-impatt tad-diżastri, kif ukoll timmira li tiżviluppa ulterjorment l-għanijiet tal-Unjoni tar-reżiljenza għad-diżastri stabbiliti mir-Regolament (UE) 2021/836 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20]. Rispons operazzjonali kollettiv aktar b'saħħtu fil-livell tal-Unjoni, flimkien ma' appoġġ għall-kapaċitajiet individwali tal-Istati Membri permezz ta' miżuri ta' bini tal-kapaċità, huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-ħiliet, ir-riżorsi u l-għarfien meħtieġa għall-ġestjoni tar-riskji, it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet u t-tisħiħ tar-reżiljenza għal riskji u theddid futuri.

(10) Sabiex jiżguraw ħarsa ġenerali komprensiva u aġġornata u fehim tax-xenarju tar-riskju fil-livell nazzjonali u f'dak subnazzjonali xieraq, l-Istati Membri jenħtieġ li

[20] Ir-Regolament (UE) 2021/836 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 185, 26.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/836/oj).

regolarment iwettqu u jippubblikaw valutazzjonijiet tar-riskji, li l-informazzjoni dwarhom jenħtieġ li jikkondividuha mal-Kummissjoni mill-inqas darba kull 5 snin, jew fejn bidla sinifikanti fix-xenarju tar-riskju tkun teħtieġ l-aġġornament ta' tali valutazzjonijiet. Dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, jew is-sommarji tagħhom, jenħtieġ li jintużaw mill-Kummissjoni u biex jiġu mfassla u żviluppati xenarji, pjanijiet, valutazzjonijiet tar-riskji u tat-theddid u rapporti dwar il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji fil-livell tal-Unjoni kif meħtieġ għal fehim komprensiv tar-riskji li jaffettwaw lill-Unjoni, u l-kapaċitajiet li jiġu indirizzati. Tali valutazzjonijiet u pjanijiet jenħtieġ li jkunu konsistenti u kkoordinati ma' proċessi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti oħra.

(11) Filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli għall-politiki tas-saħħa tagħhom, jenħtieġ li jippreparaw u jipproteġu kontra theddid transfruntier serju għas-saħħa fi spirtu ta' solidarjetà, kooperazzjoni u koordinazzjoni Ewropej. Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità fl-Unjoni f'dan ir-rigward, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi appoġġ f'azzjonijiet partikolari skont ir-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa kif ukoll skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2372 dwar qafas ta' miżuri għall-iżgurar tal-provvista ta' kontromiżuri mediċi rilevanti għall-kriżi fil-każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika fil-livell tal-Unjoni. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura wkoll sinerġiji mal-mandati relatati mal-kriżi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti.

(12) Ix-xenarju tal-kontromiżuri mediċi tal-Unjoni għadu juri dipendenza tal-Unjoni fuq pajjiżi terzi fl-iżgurar tal-provvista tal-materja prima, tal-ingredjenti farmaċewtiċi attivi, tal-prodotti mediċinali, tal-apparat mediku u tat-tagħmir ta' protezzjoni personali meħtieġa fl-Unjoni matul il-kriżijiet tas-saħħa, b'mod partikolari l-pandemiji. Għalhekk, ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li jrawmu l-akkwist, il-ġestjoni, il-kumulazzjoni ta' riżervi u l-użu ta' prodotti rilevanti għall-kriżi fl-Unjoni biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u tiġi żgurata aħjar sigurtà tal-provvista ta' kontromiżuri mediċi.

(13) Matul emerġenza tas-saħħa pubblika fil-livell tal-Unjoni, kif imsemmi fir-Regolament (UE, Euratom) 2022/2371, id-domanda għal kontromiżuri mediċi rilevanti għall-kriżi tista' tkun akbar mill-provvista. F'sitwazzjoni bħal din, l-intensifikazzjoni tal-produzzjoni u l-manifattura ta' kontromiżuri mediċi huma essenzjali. Jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ għal azzjonijiet li jirriżervaw il-kapaċità tal-manifattura għal kontromiżuri mediċi rilevanti għall-kriżi, inklużi l-materja prima meħtieġa u l-provvisti u l-komponenti anċillari.

(14) Għall-kuntrarju ta' attivitajiet tipiċi ta' akkwist, l-attivitajiet ta' akkwist relatati mal-prevenzjoni tal-aggravar ta' sitwazzjonijiet possibbli ta' kriżi tas-saħħa għal sitwazzjonijiet ta' kriżi reali jeħtieġu ċertu livell ta' flessibbiltà u reattività. Għalhekk, ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti li jiżdiedu awtoritajiet kontraenti ġodda mingħajr ma jintlaħaq il-limitu meħtieġ mir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 sabiex jiġi evitat li tinqala' kriżi serja potenzjali tas-saħħa.

(15) Il-programmi ta' bini tal-kapaċitajiet kif ukoll l-adozzjoni u l-kondiviżjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni huma aspetti essenzjali tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Biex tissaħħaħ il-kapaċità kollettiva ta' prevenzjoni, tħejjija u rispons għal diżastri, biex tiġi appoġġata l-kondiviżjoni tal-għarfien fi ħdan il-komunità tal-protezzjoni ċivili u l-applikazzjoni tar-riċerka fil-fażijiet kollha tal-ġestjoni tar-riskju

ta' diżastri, u biex jittejbu l-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-għarfien bejn l-atturi tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-komunità tar-riċerka, huwa meħtieġ li jinżamm u jissaħħaħ ulterjorment in-Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili (in-"Network ta' Għarfien") stabbilit bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1956[21]. In-Network ta' Għarfien jenħtieġ li jibni fuq il-ħidma ta' strutturi eżistenti u jikkollabora magħhom, inklużi il-prattikanti tal-protezzjoni ċivili, iċ-ċentri ta' eċċellenza, l-universitajiet, ir-riċerkaturi u esperti oħra, il-professjonisti żgħażagħ u l-voluntiera b'esperjenza fil-ġestjoni ta' emerġenzi, kif ukoll l-atturi kollha li jintervjenu fil-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri. In-Network tal-Għarfien jenħtieġ li jissaħħaħ ukoll f'konformità mal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza[22] billi jinkorpora azzjonijiet iddedikati fl-oqsma tal-preparatezza tal-popolazzjoni u l-kooperazzjoni pubblika-privata. In-Network jenħtieġ li jkun jista' jiffaċilita l-iskambju tal-għarfien u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u, f'konformità mal-qafas istituzzjonali u legali tal-Istati Membri, il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, filwaqt li jiżgura li r-rwol, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tagħhom jiġu kkunsidrati kif xieraq.

(16) Bil-ħsieb li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Unjoni li tipprevjeni, tħejji u tirrispondi għall-kriżijiet tas-saħħa u timmaniġġahom, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi appoġġ għal azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-mekkaniżmi u l-istrutturi komplementarji stabbiliti skont l-istrumenti rilevanti tal-Unjoni dwar l-immaniġġar ta' kriżijiet, b'kunsiderazzjoni partikolari tal-katina tal-provvista Ewropea. Dak l-appoġġ jenħtieġ li jinkludi l-bini tal-kapaċità fir-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa, inklużi l-ippjanar ta' kontinġenza u l-preparatezza, inkluż għall-impatti tal-klima fuq is-saħħa, miżuri preventivi bħal dawk relatati mat-tilqim u l-immunizzazzjoni, programmi ta' sorveljanza msaħħa u koordinazzjoni u kooperazzjoni mtejba.

(17) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat qafas għal evoluzzjoni kontinwa tal-Għanijiet tal-Unjoni tar-Reżiljenza għad-Diżastri. Dawk l-għanijiet għandhom ikunu bbażati fuq xenarji kurrenti u li jħarsu 'l quddiem, inklużi l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq ir-riskji ta' diżastri, data dwar avvenimenti tal-imgħoddi u analiżi tal-impatt transsettorjali, b'attenzjoni partikolari mogħtija lil gruppi u komunitajiet vulnerabbli li jgħixu f'żoni kostali, gżejjer jew reġjuni oħra partikolarment vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima bħaż-żieda fil-livell tal-baħar u l-għargħar.

(18) B'reazzjoni għaż-żieda fil-frekwenza u s-severità tad-diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà interġenerazzjonali huwa essenzjali u huwa responsabbiltà kollettiva. Dan jeħtieġ li jsir użu mir-riżorsi kollettivi tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u tas-soċjetà ċivili, il-media, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, it-taħriġ u kulturali, l-istituzzjonijiet xjentifiċi u l-akkademja, l-awtoritajiet pubbliċi, is-sħab soċjali, is-settur privat, in-networks u l-komunitajiet lokali, u ċ-ċittadini fl-antiċipazzjoni, il-prevenzjoni, il-ġestjoni, u l-irkupru minn diżastri u kriżijiet. Il-preparatezza effettiva tal-popolazzjoni għal kulħadd, inklużi n-nisa u l-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, it-tfal, l-anzjani, ir-rifuġjati, il-persuni bi sfond ta' minoranza razzjali jew etnika, bħar-Rom, u l-persuni b'diżabilità kif ukoll it-

[21] Ir-Regolament (UE) 2021/836 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 185, 26.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/836/oj).

[22] JOIN/2025/130 final

turisti u dawk li jkunu preżenti temporanjament fit-territorju ta' Stat Membru u jistgħu jkunu esposti għal riskji transfruntiera, issaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà billi tiżgura li l-persuni kollha, irrispettivament mill-kapaċità tagħhom, ikollhom l-għarfien, il-ħiliet, u r-riżorsi meħtieġa biex jipproteġu ruħhom u jappoġġaw lil ħaddieħor kontra r-riskji u t-theddid potenzjali.

(19) Kif inhu deskritt fl-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, il-preparatezza mit-tfassil tintegra l-miżuri preventivi, il-valutazzjoni tar-riskju, l-ippjanar adattiv, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi tal-Unjoni, inkluż fil-politiki ekonomiċi u soċjali koordinati taħt is-Semestru Ewropew. Dan l-approċċ joffri qafas proattiv li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha bħall-organizzazzjonijiet, il-komunitajiet, u l-awtoritajiet jantiċipaw, jipprevjenu, jimmaniġġaw u jirkupraw minn kriżijiet, irrispettivament mill-oriġini tagħhom. Bil-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati, u l-komunità xjentifika, kif ukoll bl-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-preparatezza mit-tfassil issaħħaħ il-kapaċità li jiġi evitat u ġestit it-tfixkil u tiżgura l-protezzjoni tal-ħajjiet, tal-assi, tal-ambjent u tal-integrità tal-infrastruttura kritika.

(20) Il-kunsiderazzjonijiet dwar il-prevenzjoni tar-riskju ta' diżastri u l-preparatezza jenħtieġ li jiġu integrati sistematikament fil-politiki, il-programmi u l-proċessi ta' governanza rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni javvanza l-prinċipju ta' preparatezza mit-tfassil, kif stabbilit fl-Istrateġija, inkluż billi jikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riskju u tal-esperjenza operazzjonali biex jappoġġa ppjanar u deċiżjonijiet li huma konxji mir-riskju li jtejbu l-preparatezza fis-setturi kollha.

(21) Il-pandemija tal-COVID-19 uriet in-natura multisettorjali tal-kriżijiet tas-saħħa, u enfasizzat l-importanza li l-kunsiderazzjonijiet tas-saħħa jiġu inkorporati f'qafas ta' mmaniġġar ta' kriżijiet li jinkludi dan ir-Regolament. L-ikkombinar ta' miżuri ta' protezzjoni ċivili u ta' preparatezza u rispons għall-emerġenzi tas-saħħa fi ħdan il-protezzjoni ċivili jiżgura approċċ komprensiv u kkoordinat għall-ġestjoni tad-diżastri, li fl-aħħar mill-aħħar isaħħaħ ir-reżiljenza u jissalvagwardja l-popolazzjoni kontra firxa wiesgħa ta' riskji u theddid potenzjali. L-emerġenzi tas-saħħa, bħall-pandemiji, it-theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku, u nukleari, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi jew l-impatti fuq is-saħħa ta' avvenimenti relatati mal-klima relatati maż-żieda fl-Ewropa ta' mard li jinġarr minn vetturi, jista' jkollhom impatti estensivi lil hinn mis-settur tas-saħħa, li jaffettwaw l-istabbiltà soċjali, il-bilanċ ambjentali jew il-forniment ta' servizzi essenzjali li jiddependu fuq l-infrastruttura kritika. L-approċċ trasversali previst jista' jipprevjeni jew itaffi l-impatt ta' emerġenzi relatati mas-saħħa qabel ma dawn jaggravaw għal kriżijiet. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-popolazzjonijiet li jgħixu f'istituzzjonijiet, bħall-persuni b'diżabilità jew il-persuni akbar fl-età li jeħtieġu kura fit-tul, li huma partikolarment esposti u affettwati minn emerġenzi tas-saħħa, kif muri mill-kriżi tal-COVID-19.

(22) Filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli għall-politiki tas-saħħa tagħhom, jenħtieġ li jipproteġu s-saħħa pubblika fi spirtu ta' solidarjetà, kooperazzjoni u koordinazzjoni Ewropej. Dik il-kooperazzjoni jenħtieġ li ttejjeb il-preparatezza għal, u l-prevenzjoni u l-kontroll ta' theddid transfruntier serju għas-saħħa. Il-preparatezza hija ċ-ċavetta biex titjieb ir-reżiljenza għal theddid futur. L-esperjenza miksuba mill-pandemija tal-COVID-19 uriet li hemm ħtieġa ta' azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni biex tappoġġa l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri. Dik il-kooperazzjoni jenħtieġ li ttejjeb il-preparatezza u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tixrid

ta’ infezzjonijiet u mard tal-bnedmin severi lil hinn mill-fruntieri sabiex tiġġieled theddid transfruntier serju ieħor għas-saħħa u tissalvagwardja u ttejjeb is-saħħa u l-benessri ta’ kulħadd fl-Unjoni.

(23) Fost ir-riskji li qed jiżdiedu b’rata mgħaġġla u l-inċertezza, l-Unjoni hija ddedikata li ttejjeb ir-reżiljenza f’diversi oqsma biex tanticipa, iżżomm u tirkupra b’mod effettiv minn sfidi u kriżijiet diversi. F’dak il-kuntest, l-impenn politiku tal-ħidma lejn il-Mekkaniżmu Ewropew għad-Difiża Ċivili jinvolvi impenn politiku sod biex isiru disponibbli arranġamenti adegwati u flessibbli biex jiġu indirizzati b’mod effettiv u effiċjenti l-kriżijiet transsettorjali, kumplessi u fit-tul. Jenħtieġ li dawn l-arranġamenti speċifiċi jiġu applikati għal kriżijiet transsettorjali u anke, iżda mhux esklussivament, għal sitwazzjonijiet fir-rigward ta’ rispons politiku integrat għall-kriżijiet jew fejn tkun ġiet attivata Klawżola ta’ Solidarjetà, jew li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO, World Health Organization) tkun iddikjarat emerġenza tas-saħħa pubblika ta’ tħassib internazzjonali, kif ukoll għal emerġenzi li jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ strumenti oħra tal-Unjoni li jittrattaw emerġenzi settorjali, bħal f’emerġenzi relatati mas-suq intern, konsulari, is-sigurtà, is-saħħa u l-klima, fejn il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jista’ jipprovdi appoġġ fil-ġestjoni tal-konsegwenzi ta’ dawk il-kriżijiet.

(24) L-Unjoni jenħtieġ li tkun preparata għal inċidenti u kriżijiet transsettorjali fuq skala kbira, inkluż il-potenzjal ta’ aggressjoni armata, li jaffettwaw Stat Membru wieħed jew aktar. Tipikament, l-awtoritajiet ċivili nazzjonali jerfgħu r-responsabbiltà primarja fil-biċċa l-kbira tas-sitwazzjonijiet ta’ kriżi. Madankollu, f’għadd dejjem akbar ta’ każijiet, bħal emerġenzi tas-saħħa, avvenimenti estremi tat-temp, u attakki ibridi jew ċibernetiċi, l-awtoritajiet ċivili jeħtieġu appoġġ militari. Fil-każ ta’ aggressjoni armata, il-forzi militari jkunu jeħtieġu l-assistenza ċivili biex jiżguraw il-funzjonament kontinwu tal-istat u tas-soċjetà. Għalhekk, hemm bżonn li tittejjeb l-interazzjoni bejn l-atturi ċivili u militari, mingħajr ma jiġu mminati l-kompetenzi rispettivi tagħhom u f’kooperazzjoni sħiħa mal-Istati Membri. Bħala segwitu għall-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jenħtieġ li jiżviluppaw arranġamenti għall-preparatezza ċivili-militari. Dawk l-arranġamenti jenħtieġ li jiċċaraw ir-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-prijoritajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji tal-Unjoni, u l-Istati Membri fil-preparatezza għal inċidenti u kriżijiet u fir-rispons għalihom.

(25) L-użu ta’ mezzi militari taħt tmexxija ċivili bħala l-aħħar rimedju jista’ jikkostitwixxi kontribut importanti għar-rispons għad-diżastri. Meta l-użu ta’ kapaċitajiet militari għall-appoġġ ta’ operazzjonijiet ta’ protezzjoni ċivili jitqies xieraq, il-kooperazzjoni mal-persunal militari jenħtieġ li ssegwi l-modalitajiet, il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill jew mill-korpi kompetenti tiegħu biex il-kapaċitajiet militari rilevanti għall-protezzjoni ċivili jkunu disponibbli għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni u jenħtieġ li tkun konformi mal-linji gwida internazzjonali rilevanti.

(26) Il-kriżijiet spiss juru natura transsettorjali, iħallu impatt fuq diversi aspetti tas-soċjetà u jeħtieġu rispons koordinat u integrat minn diversi setturi. Kemm jekk jirriżultaw minn perikli naturali jew emerġenzi tas-sigurtà jew tas-saħħa pubblika, dawn il-kriżijiet għandhom it-tendenza li jmorru lil hinn mill-konfini tradizzjonali u jaffettwaw diversi setturi fl-istess ħin. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jippermettu lill-Mekkaniżmu tal-Unjoni jappoġġa b’mod effettiv l-immaniġġar transsettorjali tal-kriżijiet f’komplementarjetà ma’ miżuri u proċeduri eżistenti taħt strumenti oħra tal-Unjoni.

(27) In-natura multidimensjonali tal-kriżijiet transsettorjali titlob approċċ komprensiv u integrat għall-ġestjoni tagħhom, li jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib u effiċjenti biex jiġu nnavigati b'mod effettiv l-isfidi li jippreżentaw. L-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni ċivili jenħtieġ li jibqgħu l-awtoritajiet kompetenti primarji li jappoġġaw il-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Fl-istess ħin, huwa meħtieġ li jiġu żgurati l-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u l-appoġġ tal-operazzjoni transsettorjali fil-livell tal-Unjoni, b'appoġġ għall-isforzi nazzjonali. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi stabbilit Ċentru għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet (iċ-"Ċentru"). Iċ-Ċentru għandu jopera f'sinerġija maċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC, Emergency Response Coordination Centre) u jikkumplimenta l-funzjoni tiegħu, billi juża l-istrutturi u l-għarfien espert eżistenti tal-ERCC. L-ERCC se jkompli l-mandat tiegħu li jappoġġa l-Mekkaniżmu tal-Unjoni, u li jipprovdi punt ċentrali għall-koordinazzjoni operazzjonali mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, inklużi l-entitajiet awtorizzati mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, kif ukoll is-servizzi tal-Kummissjoni. Sabiex jiġu massimizzati dawn l-isforzi, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jippermettu ż-żieda fl-appoġġ tal-Unjoni għall-azzjoni tal-Istati Membri, biex jiġu riflessi b'mod preċiż id-domandi u l-urġenza tal-ħtiġijiet. Sabiex l-azzjoni esterna tkun marbuta mar-rispons intern għall-kriżijiet b'mod aktar effettiv u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi, iċ-Ċentru jenħtieġ li jikkoopera mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), u b'mod partikolari ċ-Ċentru tiegħu għar-Rispons għall-Kriżijiet, fir-rigward tar-rwol u l-kompetenzi tar-Rappreżentant Għoli.

(28) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-istrutturi eżistenti rilevanti, iċ-Ċentru għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet se jikkoordina wkoll mill-qrib mal-arkitettura tas-sigurtà interna tal-Kummissjoni, inkluż l-istabbiliment futur taċ-Ċentru Integrat tal-Operazzjonijiet ta' Sigurtà (ISOC, Integrated Security Operations Centre), kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna[23]. L-attivitajiet taċ-Ċentru, fejn rilevanti, se jallinjaw mal-Proċeduri Operattivi Standard (SOPs, Standard Operating Procedures), l-għodod ta' komunikazzjoni u l-proċeduri ta' sigurtà tal-Kummissjoni, u b'hekk jiżguraw l-interoperabbiltà massima, jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u jappoġġaw aspetti ta' sigurtà fil-protezzjoni tal-assi tal-Kummissjoni.

(29) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li huma indirizzati lill-Istati Membri jenħtieġ li jinftiehmu bħala li huma indirizzati wkoll lill-pajjiżi assoċjati. Madankollu, filwaqt li dan ir-Regolament jista' jikkumplimenta l-implimentazzjoni ta' strumenti oħra tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskji f'każijiet ta' kriżijiet transsettorjali, jenħtieġ li l-pajjiżi assoċjati mal-Mekkaniżmu tal-Unjoni ma jiġux involuti sakemm ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument appoġġat.

(30) Ir-regoli jenħtieġ li jipprevedu li t-talbiet għall-assistenza taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jistgħu jsiru mill-pajjiż affettwat, kemm jekk ikun Stat Membru kif ukoll jekk ikun pajjiż terz, kif ukoll min-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha jew minn organizzazzjoni internazzjonali speċifikament identifikata għal dan l-għan. Tali talbiet għall-assistenza jenħtieġ li jitħallew jidentifikaw it-tip ta' protezzjoni ċivili jew eżenzjoni meħtieġa biex tiġi indirizzata l-emerġenza, inkluż fejn it-talba tkun għal assi b'użu doppju.

(31) L-Istati Membri, appoġġati mill-Kummissjoni, u kif xieraq mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi, jenħtieġ li jiżguraw li jittieħdu l-miżuri xierqa kollha għat-

[23] COM(2025) 148 final.

trasport f'waqtu ta' assistenza li joffru, inkluż fir-rigward tat-ħejjija tat-trasport, id-disponibbiltà u l-iskjerabbiltà ta' tali assistenza.

(32) Jenħtieġ li tkun possibbli allokazzjoni temporanja ta' kwalunkwe kapaċità ta' rispons skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għal sitwazzjonijiet ta' riskju akbar ta' diżastri fi Stat Membru jew f'pajjiż terz. Din jenħtieġ li tinvolvi l-iskjerament temporanju ta' timijiet ta' riżorsi u ta' rispons b'antiċipazzjoni ta' perikli naturali jew ikkawżati mill-bniedem.

(33) Sabiex tiġi żgurata l-prontezza operazzjonali, b'mod partikolari fiż-żoni f'riskju ta' nirien fis-selvaġġ matul l-istaġun tas-sajf u f'żoni oħra li jesperjenzaw riskji staġunali rikorrenti, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jenħtieġ li jippermetti l-pożizzjonament minn qabel tal-kapaċitajiet ta' rispons fl-Istati Membri biex jindirizzaw dawk ir-riskji. Din il-miżura proattiva jenħtieġ li ttejjeb ir-rieda tal-Unjoni li tiġġieled id-diżastri rikorrenti, filwaqt li ttaffi l-impatt devastanti tagħhom fuq il-ħajjiet, id-djar, u l-ambjent. Fl-istess ħin, din l-azzjoni jenħtieġ li tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien tekniku u operazzjonali f'diversi xenarji u kuntesti ta' nirien, issaħħaħ l-interoperabbiltà, u ttejjeb il-kunċett ta' appoġġ tan-nazzjon ospitanti għall-kapaċitajiet ta' rispons. Fejn dawk il-kapaċitajiet u t-timijiet ta' intervent ikunu meħtieġa jwieġbu għal diżastru matul il-pożizzjonament minn qabel tagħhom, jenħtieġ li japplikaw regoli dwar ir-rispons, b'mod partikolari fir-rigward tal-kost tal-operat tagħhom.

(34) B'temperaturi li qed jogħlew u perjodi twal ta' nixfa, ir-riskju ta' nirien fis-selvaġġ fl-Unjoni qed jiżdied u dawn it-tipi ta' nirien qed isiru aktar frekwenti u aktar intensi; fl-istess ħin, id-disponibbiltà limitata ta' kapaċitajiet ta' rispons speċjalizzati, inklużi mezzi ta' tifi tan-nirien forestali anfibji mill-ajru, tibqa' ta' ħassib kbir u tikkostitwixxi l-isfida operazzjonali ewlenija tal-Unjoni fejn iseħħu diversi nirien fis-selvaġġ simultanjament. Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-implimentazzjoni sħiħa tar-rescEU, ir-riżerva tal-kapaċitajiet fil-livell tal-Unjoni stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2019/420 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24], huwa essenzjali li dak il-perjodu tranżitorju kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE) 2023/2671 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] jiġi estiż sal-2034, sabiex l-Unjoni tkun tista' tkompli tiffinanzja mezzi nazzjonali ta' tifi tan-nirien mill-ajru u tagħmilhom disponibbli għall-operazzjonijiet ta' rispons taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni sakemm il-flotta permanenti tat-tifi tan-nirien forestali mill-ajru tar-rescEU tkun qed tiġi stabbilita progressivament; dawk il-mezzi ġodda tat-tifi tan-nirien mill-ajru, iffinanzjati taħt ir-rescEU, bħalissa qed jiġu żviluppati u huma mistennija li jsiru disponibbli progressivament mill-2028.

(35) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jista' jintuża biex jipprovdi appoġġ għall-protezzjoni ċivili għal assistenza konsulari liċ-ċittadini tal-Unjoni affettwati minn diżastri f'pajjiżi terzi, jekk mitlub mill-Istati Membri li ċ-ċittadini tagħhom ikunu affettwati mid-diżastru. Kull fejn possibbli, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkoordinaw tali talbiet bejniethom u ma' atturi rilevanti oħra biex jiżguraw l-aħjar użu mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni u jevitaw diffikultajiet prattiċi fuq il-post. L-appoġġ għall-protezzjoni ċivili għall-assistenza konsulari jista' jinkludi azzjonijiet bħar-ripatrijazzjonijiet, it-tluq

[24] Id-Deċiżjoni (UE) 2019/420 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2019 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 77I, 20.3.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/420/oj).

[25] Id-Deċiżjoni (UE) 2023/2671 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE biex testendi l-perjodu tranżitorju tar-rescEU (ĠU L, 2023/2671, 28.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2671/oj).

assistit u l-evakwazzjonijiet, mingħajr preġudizzju għal azzjonijiet possibbli oħra. Tali appoġġ jista' jintalab meta l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiżguraw evakwazzjoni rapida u effettiva taċ-ċittadini tal-Unjoni b'għażliet kummerċjali, minħabba n-natura immedjata tal-emerġenza jew is-sitwazzjoni politika jew ta' sigurtà, li tista' tagħmel it-titjiriet kummerċjali insuffiċjenti, inaffidabbli, jew inaċċessibbli. Barra minn hekk, it-talbiet jistgħu jsiru f'sitwazzjonijiet li jinvolvu diversi Stati Membri jew ripatrijazzjonijiet, tluq assistit, u evakwazzjonijiet fuq skala kbira fejn il-mezzi ta' trasport miġbura jipprovdu soluzzjoni aktar effiċjenti u kosteffettiva. L-Istat Membru taċ-ċittadini affettwati, jew l-Istat Membru li jikkoordina l-assistenza għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, jista' jirċievi assistenza finanzjarja taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-appoġġ għall-protezzjoni ċivili għall-assistenza konsulari. Sabiex il-prinċipju tas-solidarjetà Ewropea minqux f'dan ir-Regolament jiġi promoss ulterjorment, jenħtieġ li l-assistenza finanzjarja ssir progressiva, soġġetta għad-diversi nazzjonalitajiet taċ-ċittadini tal-Unjoni abbord il-mezz tat-trasport. Stat Membru li jwettaq l-assistenza konsulari lil ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/637[26] jista' jitlob li l-passiġġieri jew l-Istati Membri li ċ-ċittadini tagħhom ikunu koperti minn din l-azzjoni li jikkontribwixxu, bir-rati tas-suq, għall-kostijiet relatati mal-azzjoni. Meta l-Istati Membri li jipprovdu tali assistenza konsulari jibbenefikaw minn assistenza finanzjarja taħt il-Mekkaniżmi tal-Unjoni, jenħtieġ li r-rimborżi mitluba skont dik id-Direttiva jitqiesu fid-determinazzjoni ta' kwalunkwe kontribuzzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Bħala saff addizzjonali ta' assistenza għall-protezzjoni ċivili, il-kapaċitajiet tar-rescEU fil-qasam tat-trasport u l-loġistika jistgħu jintużaw ukoll għall-appoġġ għall-protezzjoni ċivili għall-assistenza konsulari.

(36) Sabiex tittejjeb il-leġġibbiltà, u għalhekk iċ-ċertezza legali, il-finanzjament tal-kostijiet ta' adattament għall-kapaċitajiet ta' rispons impenjati għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ("ECPP", European Civil Protection Pool) jenħtieġ li jiġi ssimplifikat. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat finanzjament ogħla għall-kostijiet operazzjonali mġarrba matul l-iskjeramenti tal-kapaċitajiet tal-ECPP irreġistrati f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/704[27], f'operazzjonijiet ta' rispons taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

(37) Ir-rescEU uriet b'mod konsistenti l-valur miżjud tagħha fl-operazzjonijiet ta' rispons koordinat tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-Istrateġija u soġġetta għad-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkompli ssaħħaħ ir-rescEU billi tiffinanzja ż-żamma tal-kapaċitajiet eżistenti u, fejn xieraq, iżżidhom u toħloq oħrajn addizzjonali. Jenħtieġ li l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tar-rescEU jinkludi l-forom kollha ta' akkwiżizzjoni bħall-akkwist, l-ikkuntrattar, il-kiri jew il-lokazzjoni, inkluż għall-kontromiżuri mediċi. F'dan il-kuntest, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-impenji internazzjonali, jenħtieġ li jiġi promoss l-użu ta' soluzzjonijiet żviluppati jew prodotti fl-Unjoni sabiex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista kritiċi. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal meta l-

---

[26] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/637 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u li tħassar id-Deċiżjoni 95/553/KE (ĠU L 106, 24.4.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/637/oj).

[27] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/704 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE u (UE) 2019/1310 (ĠU L, 2025/704, 15.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/704/oj).

kontromiżuri mediċi meħtieġa ma jkunux definiti taħt ir-rescEU, pereżempju għal sustanzi farmakoloġikament attivi jew prodotti fil-fażi ta' investigazzjoni, l-istokkijiet jistgħu jiġu żviluppati barra mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni. L-esperjenza miksuba matul l-iskjeramenti fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, ir-rispons tal-Unjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-istaġuni rikorrenti tan-nirien fis-selvaġġ turi li r-regoli li jirregolaw il-ġestjoni u l-iskjerament rapidu tal-kapaċitajiet tar-rescEU jeħtieġ li jiġu ssimplifikati ulterjorment biex jiġi żgurat rispons rapidu.

(38) Il-kapaċitajiet tar-rescEU jistgħu jiġu skjerati barra mill-Unjoni f'każ li periklu naturali jew ikkawżat mill-bniedem jilħaq skala sinifikanti u jkun ta' ħassib internazzjonali. Tali skjerament jenħtieġ li jitqies meta l-Unjoni jkollha interess li twieġeb għall-emerġenza jew fejn kriżi jkollha l-potenzjal li ħalli impatt fuq l-Unjoni, inkluż fejn il-kriżi thedded liċ-ċittadini tal-Unjoni, tkun teħtieġ intervent urġenti, u tkun ġiet innotifikata skont strumenti oħra tal-Unjoni jew mekkaniżmi internazzjonali ta' rispons.

(39) Il-kooperazzjoni tas-settur privat jenħtieġ li tissaħħaħ ulterjorment billi d-donazzjonijiet ta' oġġetti ta' assistenza għad-diżastri jiġu diretti lejn kapaċitajiet eżistenti taħt ir-rescEU, ospitati mill-Istati Membri. Id-donazzjonijiet jenħtieġ li jiġu diretti permezz tal-Istati Membri li jospitaw kapaċitajiet tar-rescEU, soġġetti għall-assigurazzjoni tal-kwalità qabel ma possibbilment jintbagħtu. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jippermettu l-istabbiliment ta' ċentri loġistiċi għall-fini tal-akkomunament tal-assistenza jew ta' mħażen li jżommu l-kapaċitajiet tar-rescEU li jistgħu jiġu riċevuti mis-settur privat.

(40) Billi tiffaċilita l-iżvilupp kontinwu u l-integrazzjoni mtejba tas-sistemi ta' detezzjoni transfruntiera, twissija bikrija, u allert ta' sinifikat għall-Unjoni, l-Unjoni jenħtieġ li tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu ż-żmien meħtieġ biex jirrispondu għad-diżastri u biex jagħtu allerti f'waqthom liċ-ċittadini tal-Unjoni. Dawk is-sistemi jenħtieġ li jagħmlu użu mis-sorsi ta' informazzjoni u mill-infrastrutturi kemm eżistenti kif ukoll emerġenti, filwaqt li jippromwovu b'mod attiv l-adozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi. Billi huwa rikonoxxut li l-Istati Membri għandhom responsabbiltà primarja li jwissu lill-popolazzjonijiet tagħhom biex jiżguraw it-tixrid effettiv tat-twissijiet u l-preparatezza f'każ ta' diżastri, huwa essenzjali li jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom.

(41) Sabiex tittejjeb il-preparatezza għal diżastri transsettorjali, transfruntiera u madwar l-Unjoni kollha, l-Unjoni, permezz tal-Mekkaniżmu tagħha u l-għodod eżistenti tal-Unjoni, jenħtieġ li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' sistemi ta' twissija pubblika. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jenħtieġ li jisfrutta, fejn meħtieġ, is-servizzi pprovduti mis-sistemi spazjali tal-Unjoni, bħal Galileo, EGNOS, Copernicus u s-servizz governattiv għall-osservazzjoni tad-dinja, IRIS^2 u GOVSATCOM kif ukoll is-servizzi ta' għarfien tas-sitwazzjoni spazjali. Il-komponent tat-twissija bikrija tas-Servizz ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus li jikkonsisti fis-Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien Forestali u l-Osservatorju Ewropew tan-Nixfa jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien meħtieġ għar-rispons għad-diżastri. Dawn l-assi huma għodod sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għat-tħejjija u r-rispons effettivi għal diżastri u kriżijiet kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tagħha.

(42) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonsolida u jgħaqqad flimkien il-kapaċitajiet analitiċi u xjentifiċi meħtieġa għall-preparatezza operazzjonali fir-rispons koordinat tal-Unjoni taħt faċilità ta' konsulenza xjentifika u teknika (STAF, scientific and

technical advisory facility). Din il-faċilità jenħtieġ li taġixxi bħala pilastru ta' appoġġ għall-ERCC, għaċ-Ċentru u għall-Istati Membri. L-STAF jenħtieġ li tipprovdi analiżi esperta kif ukoll għarfien xjentifiku u tekniku, biex tikkontribwixxi għal preparatezza operazzjonali, analiżi u għarfien tas-sitwazzjoni mtejba. Din l-inizjattiva jenħtieġ li tadotta approċċ orjentat lejn is-servizzi, li jkopri l-perikli kollha u transsettorjali għall-antiċipazzjoni, it-tħejjija u l-indirizzar tad-diżastri u l-kriżijiet, b'mod li jikkumplimenta l-ħidma ta' riċerka u żvilupp tas-servizz intern tal-Kummissjoni tax-xjenza u l-għarfien (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka).

(43) F'dawn l-aħħar snin, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni ġie attivat ripetutament għat-twettiq ta' evakwazzjonijiet mediċi minn pajjiżi terzi milquta minn diżastri li s-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom ma kinux jifilħu għalihom, b'mod partikolari b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżi umanitarja f'Gaża u, wara n-nar f'nightclub fil-Maċedonja ta' Fuq, biex jiġu żgurati t-trasferiment sikur u t-trattament tal-pazjenti fl-Istati Membri u f'pajjiżi oħra assoċjati mal-Mekkaniżmu tal-Unjoni li volontarjament offrew li jipprovdu dan l-appoġġ. Għalhekk, f'operazzjonijiet fuq skala kbira, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa sensiela ta' azzjonijiet li jippermettu l-koordinazzjoni tat-trasferiment tal-pazjenti mill-pajjiż rikjedenti lill-Istat Membru tat-trattament; tali azzjonijiet jistgħu jinkludu l-iskjerament ta' tim ta' valutazzjoni, u t-tranżitu għal żmien qasir f'faċilità medika lokali jew f'ċentru stabbilit apposta relatat mal-evakwazzjoni medika; għalhekk, jenħtieġ li jkun hemm regoli komuni li jispeċifikaw liema attivitajiet jitqiesu bħala parti minn operazzjoni ta' evakwazzjoni medika u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-istabbilment u għall-operat ta' ċentri ddedikati għall-iffaċilitar tal-evakwazzjoni medika.

(44) Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza tat-trawwim tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, u mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni, huwa essenzjali li l-Kummissjoni tipparteċipa fi sforzi kkoordinati ma' pajjiżi terzi li għandhom objettivi simili fil-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u fil-protezzjoni ċivili. Dan jenħtieġ li jippermetti lill-Kummissjoni tallinja l-prijoritajiet tal-politika u tikkoordina l-operazzjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali ta' pajjiżi terzi indikati bħala pajjiżi sħab strateġiċi.

(45) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament permezz tal-atti ta' implimentazzjoni rilevanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28].

(46) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni rilevanti minħabba li dawk l-atti jimplimentaw atti ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali.

(47) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764[29], persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-objettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli

[28] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

[29] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni extra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1764/oj).

għall-Istat Membru li miegħu huwa marbut il-pajjiż jew it-territorju ekstra-Ewropew rilevanti.

(48) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-regolament dwar il-prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inklużi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal ta' finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.

(49) Meta l-assistenza taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni tikkontribwixxi għal rispons umanitarju tal-Unjoni, b'mod partikolari f'emerġenzi kumplessi, l-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jżommu mal-prinċipji umanitarji u l-prinċipji dwar l-użu tal-protezzjoni ċivili u r-riżorsi militari stabbiliti fil-Kunsens Ewropew dwar l-assistenza Umanitarja. Dawn l-azzjonijiet jenħtieġ li jqisu wkoll rispons umanitarju ieħor f'każ ta' emerġenza ffinanzjat mill-Unjoni, filwaqt li jiżguraw l-allinjament ma' linji gwida u objettivi stabbiliti. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jenħtieġ li jissostitwixxi l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid- Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30].

(50) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE jenħtieġ li titħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Kapitolu 1
Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jipprevedi l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (il-"Mekkaniżmu tal-Unjoni") u jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa. Jistabbilixxi l-objettivi, il-baġit għall-perjodu 2028–2034, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.

[30] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/1313/oj).

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi, b'mod partikolari:

(a) regoli dwar il-funzjonament tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni inklużi miżuri speċifiċi dwar il-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons,

(b) regoli dwar il-funzjonament taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza ("ERCC", Emergency Response Coordination Centre) bħala l-korp ta' koordinazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni,

(c) regoli dwar l-istabbiliment taċ-Ċentru għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet ("iċ-Ċentru") bħala l-istruttura ġenerali li tiffaċilita l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-preparatezza u l-koordinazzjoni transsettorjali operazzjonali,

(d) miżuri ta' appoġġ għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-protezzjoni tan-nies, tal-ambjent, tal-proprjetà, u tal-wirt kulturali, kontra kull tip ta' diżastru naturali u kkawżat mill-bniedem, inkluż theddid transfruntier serju għas-saħħa.

2. Dan ir-Regolament għandu jippermetti l-koordinazzjoni transsettorjali f'sitwazzjonijiet fejn jiġu applikati mekkaniżmi oħra tal-Unjoni ta' rispons għall-kriżijiet jew ta' ġestjoni tar-riskji. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tar-Rappreżentant Għoli fid-dimensjoni esterna tal-kriżijiet, inklużi l-missjonijiet u l-operazzjonijiet imwettqa skont il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni.

3. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-obbligi skont l-atti legali eżistenti tal-Unjoni jew skont ftehimiet internazzjonali eżistenti u lanqas il-kompetenzi tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà tal-persunal, l-assi u l-informazzjoni tal-Kummissjoni. Għandu japplika mingħajr preġudizzju u b'komplementarjetà ma' atti legali oħra tal-Unjoni li jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar ir-rispons jew il-ġestjoni tar-riskji relatati ma' kriżijiet, inkluż il-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa.

4. It-Titolu II ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għal:

(a) azzjonijiet ta' prevenzjoni u preparatezza fl-Istati Membri,

(b) azzjonijiet f'pajjiżi terzi, relatati mal-mobilizzazzjoni u d-dispaċċ ta' esperti u ta' Timijiet tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni Ewropea ("Timijiet tal-EUCP", European Union Civil Protection Teams) li jagħti pariri dwar miżuri ta' prevenzjoni u preparatezza, kif ukoll il-kooperazzjoni dwar it-taħriġ, u l-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-esperjenza taħt in-Network ta' Għarfien, u

(c) azzjonijiet biex jassistu fir-rispons għal diżastru imminenti jew għall-konsegwenzi negattivi immedjati ta' diżastru fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi, wara talba għal assistenza f'konformità mal-Artikolu 28.

5. It-Titolu III ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2371 u tar-Regolament (UE) 2022/2372.

6. L-istabbiliment tar-riżervi msemmija fit-Titolu III għandu jsir f'konformità mal-Artikolu 21, ħlief għall-kontromiżuri mediċi li ma humiex definiti bħala tar-rescEU.

7. Meta jiġu applikati l-miżuri ta’ prevenzjoni, ta’ preparatezza u ta’ rispons skont dan ir-Regolament, iridu jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali tar-reġjuni jew gżejjer iżolati, ultraperiferiċi u oħrajn tal-Unjoni f’termini ta’ prevenzjoni, ta’ preparatezza u ta’ rispons.

8. Ir-rispons skont dan ir-Regolament għandu jqis il-ħtiġijiet speċjali tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej f’termini ta’ rispons.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “diżastru” tfisser sitwazzjoni, irrispettivament mill-oriġini tagħha, li għandha jew jista’ jkollha impatt serju fuq in-nies, is-saħħa pubblika, l-ambjent, l-infrastruttura kritika jew il-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali;

(2) “kriżi” tfisser kwalunkwe diżastru li għaddej jew imminenti li għandu impatt jew potenzjal li jkollu impatt fuq diversi setturi simultanjament mingħajr preġudizzju għat-tifsira ta’ kriżi fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 applikabbli fi proċeduri ta’ akkwist pubbliku;

(3) “settur” tfisser qasam speċifiku ta’ attività soċjetali, governattiva u ekonomika interkonnessa, b’mod partikolari s-saħħa, l-ambjent, it-trasport, l-enerġija, is-sigurtà, u oqsma oħra ta’ attività vulnerabbli għal diżastri.

(4) “assistenza” tfisser esperti, moduli, kapaċitajiet oħra ta’ rispons jew timijiet ta’ assistenza teknika u ta’ appoġġ, flimkien mat-tagħmir u l-assistenza *in natura* tagħhom, inklużi materjal jew provvisti ta’ assistenza, kif ukoll offerti mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni u kapaċitajiet oħra meħtieġa biex itaffu l-konsegwenzi immedjati ta’ diżastru jew kriżi;

(5) “preparatezza” tfisser stat ta’ prontezza u kapaċità ta’ mezzi umani u materjali, strutturi, sistemi, komunitajiet u organizzazzjonijiet li jippermettilhom jiżguraw rispons rapidu u effettiv, miksub b’riżultat tal-azzjoni meħuda minn qabel;

(6) “prevenzjoni” tfisser azzjonijiet li għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskji jew itaffu l-konsegwenzi negattivi potenzjali ta’ diżastru għall-persuni, is-saħħa pubblika, l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali;

(7) “għanijiet tal-Unjoni tar-reżiljenza għad-diżastri” tfisser l-objettivi stabbiliti mill-Kummissjoni f’kooperazzjoni mal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili biex jappoġġaw azzjonijiet ta’ prevenzjoni u preparatezza għall-finijiet tat-titjib tal-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha biex jaffrontaw l-effetti ta’ diżastru li jikkawża jew jista’ jikkawża effetti transkonfinali;

(8) “Sistema Komuni ta’ Komunikazzjoni u Informazzjoni f’każ ta’ Emerġenza” (CECIS, Common Emergency Communication and Information System) tfisser pjattaforma bbażata fuq il-web żviluppata u miżmuma mill-Kummissjoni li tiffaċilita l-iskambju f’ħin reali ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-ERCC.

(9) “twissija bikrija” tfisser l-għoti fil-ħin u effettiv ta’ informazzjoni li tippermetti li tittieħed azzjoni biex jiġu evitati jew jitnaqqsu r-riskji u l-impatti avversi ta’ diżastru, u biex tiġi ffaċilitata l-preparatezza għal rispons effettiv;

(10) “modulu” tfisser arranġament awtosuffiċjenti u awtonomu bbażat fuq il-kompiti u l-ħtiġijiet u definit minn qabel tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri jew ta’ tim mobbli operazzjonali tal-Istati Membri, li jirrappreżenta taħlita ta’ mezzi umani u materjali, li jista’ jiġi deskritt f’termini tal-kapaċità tiegħu għal intervent jew tal-kompitu/i li huwa kapaċi jwettaq, u li għalih ġew definiti rekwiżiti tekniċi minimi;

(11) “tim ta’ assistenza teknika u appoġġ” (“TAST”, technical assistance and support team) tfisser ir-riżorsi umani u materjali assenjati minn Stat Membru wieħed jew aktar biex jiġu eżegwiti kompiti loġistiċi u ta’ appoġġ;

(12) “tim ta’ intervent” tfisser grupp speċjalizzat magħmul minn persunal imħarreġ u mgħammar b’riżorsi biex jirrispondi malajr u b’mod effettiv għall-konsegwenzi tad-diżastri, mhux impenjat minn qabel għar-Riżerva Ewropea ta’ Protezzjoni Ċivili jew stabbilit bħala parti mir-rescEU;

(13) “Tim tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni Ewropea” (“Tim tal-EUCP”) tfisser tim magħmul minn esperti u, fejn meħtieġ, TAST, li jintgħażel u jiġi stazzjonat mill-ERCC skont termini ta’ referenza relatati ma’ talba għal għarfien espert dwar il-prevenzjoni jew il-preparatezza jew ma’ reazzjoni għal emerġenza fil-kuntest ta’ talba għal assistenza li tkun għaddejja;

(14) “użu doppju” tfisser assi u kapaċitajiet li għandhom jintużaw f’kuntest ċivili u militari;

(15) “valutazzjoni tar-riskju” tfisser il-proċess transsettorjali globali ta’ identifikazzjoni tar-riskji, analiżi tar-riskji, u evalwazzjoni tar-riskji li jsir fuq livell nazzjonali jew livell subnazzjonali xieraq;

(16) “kapaċità ta’ ġestjoni tar-riskji” tfisser il-kapaċità ta’ Stat Membru jew ir-reġjuni tiegħu li jnaqqsu, jadattaw għal jew itaffu r-riskji (l-impatti u l-probabbiltà ta’ diżastru), identifikati fil-valutazzjonijiet tiegħu tar-riskju għal livelli li huma aċċettabbli f’dak l-Istat Membru. Il-kapaċità tal-ġestjoni tar-riskji tiġi vvalutata f’termini tal-kapaċità teknika, finanzjarja u amministrattiva biex jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju adegwati, l-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskji għall-prevenzjoni u l-preparatezza, u miżuri ta’ prevenzjoni u preparatezza għar-riskji;

(17) “appoġġ tal-istat ospitanti” tfisser kwalunkwe azzjoni meħuda fil-fażijiet ta’ preparatezza u rispons mill-pajjiż li jirċievi jew jibgħat assistenza, jew mill-Kummissjoni, biex jitneħħew ostakoli prevedibbli għall-assistenza internazzjonali offruta permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Dan jinkludi appoġġ mill-Istati Membri biex jiġi ffaċilitat it-tranżitu ta’ din l-assistenza mit-territorju tagħhom;

(18) “appoġġ loġistiku” tfisser it-tagħmir jew is-servizzi essenzjali meħtieġa biex il-kapaċitajiet ta’ rispons iwettqu l-kompiti tagħhom, inkluż l-istabbiliment ta’ ċentri loġistiċi;

(19) “evakwazzjoni medika” tfisser sensiela ta’ azzjonijiet koordinati li jippermettu t-trasport organizzat ta’ individwi li jeħtieġu kura medika minn żoni affettwati minn diżastri għal faċilitajiet mediċi xierqa, jew fi Stat Membru u fil-każ ta’ ċittadini tal-Unjoni anke f’pajjiżi terzi;

(20) “ċentru ta’ evakwazzjoni medika” tfisser faċilità ta’ tranżitu stabbilita skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni li tilqa’ b’mod temporanju pazjenti u l-persuni li

jakkumpanjawhom, tipprovdi triage medika, stabbilizzazzjoni tal-pazjenti u kura kontinwa (24/7), u jekk ikun meħtieġ torganizza t-trasport tagħhom taħt il-koordinazzjoni tal-ERCC, lejn faċilitajiet tal-kura tas-saħħa fi Stat Membru; iċ-ċentru ta' evakwazzjoni medika jinkludi s-sit fiżiku, il-persunal mediku u loġistiku tiegħu, it-tagħmir u s-servizzi ta' appoġġ meħtieġa biex jiġi żgurat it-trasferiment sikur ta' pazjenti mill-Istat rikjedenti lill-pajjiż li joffri trattament mediku;

(21) "kostijiet operazzjonali" tfisser il-kostijiet kollha tat-tħaddim ta' kapaċità jew tal-iskjerament ta' tim ta' esperti jew tim tal-EUCP matul operazzjoni. Tali kostijiet jistgħu jinkludu kostijiet relatati mal-persunal, it-trasport internazzjonali u lokali, il-loġistika, is-sigurtà, il-materjal konsumabbli u l-provvisti, il-manutenzjoni, kif ukoll kostijiet oħrajn meħtieġa biex jiġi żgurat l-użu effettiv ta' tali kapaċitajiet;

(22) "kostijiet tat-trasport" tfisser kostijiet relatati mal-moviment tat-trasport u r-riżorsi loġistiċi lejn il-post indikat mill-Istat Membru, pajjiż terz jew organizzazzjoni rikjedenti, inklużi l-kostijiet tas-servizzi kollha, it-tariffi, il-kostijiet loġistiċi, tal-immaniġġar u ta' ħtiġijiet oħra tat-trasport relatati ma' rispons, il-kostijiet tal-fjuwil u l-akkomodazzjoni possibbli kif ukoll kostijiet indiretti oħra bħat-taxxi, id-dazji ġenerali u l-kostijiet ta' tranżitu;

(23) "pajjiż assoċjat" tfisser pajjiż terz li jkun iffirma ftehim mal-Unjoni biex jipparteċipa f'azzjonijiet skont dan ir-Regolament bl-istess kundizzjonijiet bħall-Istati Membri. Ir-referenza għall-Istati Membri għandha tinftiehem bħala li tinkludi Stati assoċjati, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor;

(24) "kontromiżuri mediċi" tfisser kontromiżuri mediċi skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (10), tar-Regolament (UE) 2022/2371;

(25) "theddid transfruntier serju għas-saħħa" tfisser theddid imsemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2022/2371 kif ukoll theddid radjoloġiku u nukleari.

Kapitolu 2
Objettivi u dispożizzjonijiet finanzjarji

Artikolu 4

Objettivi

1. L-objettiv ġenerali ta' dan ir-Regolament għandu jkun li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri biex jipprevjenu, jippreparaw u jirrispondu għat-tipi kollha ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem bil-għan li jimmaniġġaw il-konsegwenzi, u theddid transkonfinali serju għas-saħħa, li jista' jseħħ fl-Unjoni jew barra minnha, kif ukoll sitwazzjonijiet fejn dawn ikollhom impatt simultanju fuq diversi setturi.

2. L-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi segwit permezz tal-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) it-tisħiħ tal-fehim u l-antiċipazzjoni tar-riskji u t-theddid ta' diżastri, inklużi dawk marbuta mat-tibdil fil-klima u s-saħħa pubblika, u l-ħidma proattiva biex jiġu evitati jew jittaffew l-impatti potenzjali tagħhom; it-trawwim tal-prevenzjoni u l-preparatezza; u t-titjib tal-kollaborazzjoni

bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili, tas-saħħa u awtoritajiet rilevanti oħra;

(b) l-iffaċilitar, b'mod partikolari permezz tan-Network ta' Għarfien, il-bini tal-kapaċitajiet fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod partikolari bit-trawwim u ż-żieda fl-adozzjoni u l-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni f'diżastri u kriżijiet, billi jiġu pprovduti u jitmexxew programmi ta' bini tal-kapaċitajiet bħal taħriġ u eżerċizzji, rieżamijiet bejn il-pari, l-iskjerament ta' esperti u ta' Timijiet tal-EUCP li jipprovdu pariri dwar miżuri ta' prevenzjoni u preparatezza, kif ukoll għarfien espert ieħor, u assistenza teknika u finanzjarja insostenn ta' strateġiji, pjanijiet u investimenti, it-trawwim tal-prevenzjoni, il-preparatezza u r-reżiljenza;

(c) it-tisħiħ tal-preparatezza fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni, inklużi l-livelli kollha tas-soċjetà, biex jirrispondu għad-diżastri, b'mod partikolari (i) bl-appoġġ tal-ERCC u taċ-Ċentru, u l-istrutturi ta' komunikazzjoni u informazzjoni tagħhom għall-koordinazzjoni u l-għarfien tas-sitwazzjoni fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-istrutturi eżistenti tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżijiet, (ii) bl-appoġġ għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi effettivi ta' twissija bikrija biex jiġi identifikat u kkomunikat theddid imminenti ta' diżastri, ħalli tkun tista' tittieħed azzjoni f'waqtha biex jiġu evitati jew jittaffew l-impatti, (iii) bl-iżvilupp u ż-żamma tal-kapaċitajiet ta' rispons, it-tisħiħ tal-interoperabbiltà tagħhom u l-kunsiderazzjoni tal-użu doppju potenzjali tagħhom f'każ ta' kriżi, (iv) bil-promozzjoni tal-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' prevenzjoni tar-riskju ta' diżastri u ta' preparatezza fil-politiki u l-oqfsa finanzjarji fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, bil-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza fit-tul, (v) bl-iffaċilitar tal-preparatezza u r-reżiljenza fost l-atturi u l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-livelli kollha tal-gvern, l-awtoritajiet ċivili u militari, is-soċjetà ċivili, is-settur privat, u l-forniment ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà bil-għan li jissaħħu l-preparatezza tal-popolazzjoni u r-reżiljenza tas-soċjetà b'mod ġenerali;

(d) l-iffaċilitar ta' rispons rapidu u effiċjenti fl-Unjoni, inkluż fil-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 9(1), kif ukoll barra mill-Unjoni, wara talba għal assistenza f'konformità mal-Artikolu 28;

(e) l-appoġġ għall-preparatezza u r-rispons tal-Istati Membri u tal-Unjoni għal kriżijiet transsettorjali, b'mod partikolari billi tiżdied l-assistenza biex jiġu indirizzati l-intensità u l-impatt tagħhom, kif ukoll billi jiġi appoġġat ir-rispons għall-kriżijiet mibdija taħt strumenti oħra tal-Unjoni ta' rispons għall-kriżijiet jew ta' ġestjoni tar-riskji fejn meħtieġ, inkluż permezz taċ-Ċentru, u billi jiġu appoġġati l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-atturi ċivili u militari rilevanti, b'mod partikolari billi jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' arranġamenti tal-preparatezza ċivili-militari;

(f) it-titjib tal-isforzi tal-Istati Membri u tal-Unjoni fil-preparatezza u fir-rispons għal emerġenzi tas-saħħa billi:

(i) tissaħħaħ il-kapaċità għall-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons rapidu għal theddid transkonfinali serju għas-saħħa, b'mod

partikolari billi jiġu appoġġati politiki u soluzzjonijiet tas-sigurtà tas-saħħa, jittejbu l-ġbir tad-data u s-sistemi ta' twissija bikrija u ta' sorveljanza, u

(ii) tittejjeb il-provvista ta' kontromiżuri mediċi billi jiżdiedu d-disponibbiltà tagħhom u l-aċċessibbiltà tal-kontromiżuri mediċi, b'mod partikolari permezz ta' kapaċitajiet ta' riżerva, akkwist, kumulazzjoni ta' riżervi u skjerament, kif ukoll

(iii) azzjonijiet ta' koordinazzjoni u tisħiħ tal-bini tal-kapaċitajiet.

Artikolu 5

Preparatezza u kooperazzjoni ċivili-militari tal-UE

Il-Kummissjoni għandha taħdem flimkien mar-Rappreżentant Għoli biex:

(a) jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' miżuri biex jittejbu l-preparatezza u l-koordinazzjoni ċivili-militari tar-rispons fl-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri;

(b) jiżviluppaw arranġamenti biex jiċċaraw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet u tistabbilixxi prijoritajiet għat-tħejjija u r-rispons għal diżastri u kriżijiet fl-Unjoni kif ukoll xenarji li jkopru l-Unjoni kollha biex jifformaw il-bażi ta' taħriġ u eżerċizzji fil-livell tal-Unjoni, l-aħjar prattiki, inklużi l-proċeduri operattivi standard, u mekkaniżmi għal kooperazzjoni u komunikazzjoni effettivi f'xenarji ta' kriżi.

Artikolu 6

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament għall-perjodu 2028–2034 huwa stabbilit għal EUR 10 675 000 000 fi prezzijiet kurrenti.

2. L-impenji baġitarji għall-attivitajiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq bosta snin f'pagamenti annwali.

3. L-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sal-2034.

4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 7 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tar-Regolament, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni skont dan ir-Regolament.

5. Flimkien mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li ma jkunux intużaw sa tmiem is-sena finanzjarja li għaliha kienu ddaħħlu fil-baġit annwali għandhom awtomatikament jiġu riportati u jistgħu jiġu impenjati u mħallsa rispettivament sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara. L-approprjazzjonijiet riportati għandhom jintużaw biss għall-

azzjonijiet ta' rispons. L-approprjazzjonijiet riportati għandhom ikunu l-ewwel approprjazzjonijiet li jintużaw fis-sena finanzjarja ta' wara.

Artikolu 7

Riżorsi addizzjonali

6. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali skont dan ir-Regolament. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

7. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punti (a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod skont dan ir-Regolament, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal wieħed jew aktar mill-programmi sors rispettivi jew is-suċċessuri tagħhom.

Artikolu 8

Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv

1. Dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat f'sinerġija mal-programmi tal-Unjoni. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni taħt dan ir-Regolament. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu bbażati fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata* f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

2. Il-proċeduri ta' għoti skont dan ir-Regolament jistgħu jitwettqu b'mod konġunt taħt ġestjoni diretta jew indiretta mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra "partijiet fil-proċedura tal-għoti konġunt"), dment li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunt, ir-rappreżentanti tas-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jkunu wkoll

membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Artikolu 9

Pajjiżi terzi assoċjati

1. L-assoċjazzjoni skont dan ir-Regolament tista' tinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:

   (a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll mikrostati Ewropej;

   (b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali

   (c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;

   (d) pajjiżi terzi oħra.

2. Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni skont dan ir-Regolament:

   (a) għandhom jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz assoċjat skont dan ir-Regolament;

   (b) għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni skont dan ir-Regolament, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;

   (c) ma għandhom jagħtu l-ebda setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet skont dan ir-Regolament;

   (d) għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;

   (e) għandhom, fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.

Għall-finijiet tal-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 tat-Trattat, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.

Artikolu 10

Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament tal-Unjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.

2. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, u donazzjonijiet mhux finanzjarji.

3. L-għotjiet diretti jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni lill-Istati Membri mingħajr sejħa għal proposti għal azzjonijiet taħt l-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4(2) f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

4. L-għotjiet taħt l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 4(2) jistgħu jintużaw flimkien ma' finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment, minn banek fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati jew minn istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, pubbliċi jew tal-iżvilupp, kif ukoll flimkien ma' finanzjament minn istituzzjonijiet finanzjarji mis-settur privat u minn investituri mis-settur pubbliku jew mis-settur privat, inkluż permezz ta' sħubijiet pubbliċi-pubbliċi jew pubbliċi-privati.

5. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, fejn meħtieġ, għażliet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor biss.

6. Għall-finijiet tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni jista' jkun magħmul parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti.

Artikolu 11

Eliġibbiltà

1. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji ta' eliġibbiltà biex jappoġġaw il-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4(2), f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u għandhom japplikaw għall-proċeduri kollha ta' għoti skont dan ir-Regolament.

2. Fi proċeduri ta' għoti taħt ġestjoni diretta u indiretta, waħda jew aktar mill-entitajiet legali li ġejjin tista' tkun eliġibbli biex tirċievi finanzjament mill-Unjoni:

   (a) l-entitajiet stabbiliti fi Stat Membru;

   (b) l-entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat;

   (c) l-organizzazzjonijiet internazzjonali;

   (d) l-entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, meta l-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4(2).

3. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati msemmija fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament jistgħu, fejn rilevanti, jipparteċipaw ukoll fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Il-pajjiżi terzi mhux assoċjati jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku stabbiliti fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jekk dan ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 4, u soġġett għall-qbil tal-pajjiżi parteċipanti kollha.

4. Il-proċeduri tal-għoti li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

5. Fi proċeduri ta' għoti għal għotjiet, l-azzjonijiet ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament fejn dawk l-azzjonijiet jew partijiet minnhom, ikunu diġà ġew iffinanzjati bis-sħiħ minn sorsi pubbliċi jew privati oħra, ħlief għal kontribuzzjonijiet mill-Unjoni fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' sinerġija msemmija fl-Artikolu 8.

6. Il-programm ta’ ħidma msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jew id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-għoti jistgħu jispeċifikaw aktar il-kriterji ta’ eliġibbiltà stabbiliti f’dan ir-Regolament jew jistabbilixxu kriterji ta’ eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi.

Artikolu 12

Programm ta’ ħidma

Ir-Regolament għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta’ ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

TITOLU II
PROTEZZJONI ĊIVILI

Kapitolu 1
Valutazzjoni tar-Riskju u Ppjanar tal-Ġestjoni tar-Riskji

Artikolu 13

Għanijiet tal-Unjoni għar-reżiljenza għad-diżastri

Il-Kummissjoni, f’kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżviluppa ulterjorment l-għanijiet tal-Unjoni tar-reżiljenza għad-diżastri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, u tadotta rakkomandazzjonijiet biex tiddefinihom bħala linja bażi komuni biex tappoġġa l-azzjonijiet ta’ prevenzjoni u preparatezza. Dawk l-għanijiet għandhom ikunu bbażati fuq xenarji kurrenti u li jħarsu lejn il-futur, inkluż fuq data spazjali minn Copernicus, u dawk ikkonċernati bl-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-riskji ta’ diżastri, data fuq avvenimenti tal-imgħoddi u analiżi tal-impatt transsettorjali, b’attenzjoni partikolari mogħtija lil gruppi vulnerabbli. Meta tiżviluppa l-għanijiet ta’ reżiljenza għad-diżastri tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tqis id-diżastri rikorrenti li jolqtu lill-Istati Membri u tissuġġerixxi li l-Istati Membri jieħdu miżuri speċifiċi, inklużi kwalunkwe miżura li għandha tiġi implimentata bl-użu ta’ fondi tal-Unjoni, biex isaħħu r-reżiljenza għal tali diżastri.

Artikolu 14

Valutazzjoni tar-riskju nazzjonali u ppjanar tal-ġestjoni tar-riskji

Sabiex jippromwovu approċċ effettiv u koerenti għall-prevenzjoni u l-preparatezza fi ħdan il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom:

(a) ikomplu jiżviluppaw valutazzjonijiet tar-riskju ta’ diżastri fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali xieraq u jiżguraw il-koordinazzjoni u l-konsistenza ma’ proċessi rilevanti oħra ta’ valutazzjoni tar-riskju kif ukoll id-disponibbiltà għall-pubbliku tar-riżultati mhux sensittivi tagħhom biex jappoġġaw is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju u l-preparatezza tal-popolazzjoni;

(b) ikomplu jiżviluppaw il-valutazzjoni tal-kapaċità ta’ ġestjoni tar-riskju ta’ diżastri fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali xieraq;

(c) ikomplu jiżviluppaw u jirfinaw l-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju ta’ diżastri fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali xieraq, inkluż fir-rigward tal-

kollaborazzjoni transfruntiera u r-riskji b'potenzjal ta' effetti transkonfinali, filwaqt li jqisu l-għanijiet tal-Unjoni tar-reżiljenza għad-diżastri u jiżguraw il-koordinazzjoni u l-konsistenza ma' proċessi rilevanti oħra ta' ppjanar.

(d) f'konformità mal-impenji internazzjonali, itejbu l-ġbir u t-tixrid tad-data dwar it-telf mid-diżastri fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali xieraq, inkluż billi jużaw aħjar id-data spazjali.

Artikolu 15

Kondiviżjoni ta' informazzjoni nazzjonali dwar il-ġestjoni tar-riskji

Sabiex irawmu l-iżvilupp ta' fehim kondiviż tar-riskji u t-theddid ta' diżastri fil-livell tal-Unjoni, jidentifikaw ħtiġijiet komuni fil-bini tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Unjoni tar-reżiljenza għad-diżastri, u jiffaċilitaw l-iskambju ta' prattiki tajbin, l-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għar-regoli u l-proċeduri nazzjonali, għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni sommarju f'konformità mal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 16(2), sal-31 ta' Diċembru 2028 u mill-inqas darba kull 5 snin wara dan:

(a) valutazzjonijiet tar-riskju fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali xieraq, inkluża valutazzjoni tar-riskji jew tad-diżastri b'potenzjal ta' effetti transkonfinali;

(b) valutazzjoni tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u tal-kapaċitajiet ta' rispons fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali xieraq;

(c) attivitajiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Unjoni tar-reżiljenza għad-diżastri;

(d) ħtiġijiet ta' investiment fil-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri li jeħtieġu, jew li jistgħu jibbenefikaw minn, appoġġ skont l-istrumenti rilevanti tal-Unjoni.

Artikolu 16

Azzjoni fil-livell tal-Unjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju u l-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskji

1. Biex ittejjeb il-fehim tar-riskji ta' diżastri li qed tiffaċċja l-Unjoni u tinforma l-preparatezza koordinata, u abbażi tas-sommarji msemmija fl-Artikolu 16 u filwaqt li titqies kwalunkwe data transsettorjali disponibbli oħra, inkluża data spazjali, dwar l-identifikazzjoni tar-riskji, inkluż fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll il-ħidma tan-Network ta' Għarfien, il-Kummissjoni għandha:

(a) tipproduċi, mill-inqas darba kull 5 snin, rapport li jipprovdi ħarsa ġenerali transsettorjali lejn ir-riskji ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem li qed tiffaċċja l-Unjoni, u l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 14 u tal-għanijiet tal-Unjoni tar-reżiljenza għad-diżastri msemmija fl-Artikolu 13;

(b) tistabbilixxi u tirrieżamina regolarment ix-xenarji ta' diżastri fil-livell tal-Unjoni għall-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons;

(c) tipproduċi, mill-inqas darba kull 5 snin, rapport dwar il-kapaċitajiet ta' rispons u l-kapaċitajiet rilevanti fil-livell tal-Unjoni, u l-lakuni li jifdal fir-rigward tal-kapaċitajiet ta' rispons fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali xieraq kif imsemmi fl-Artikolu 15, il-punt (b), filwaqt li jitqiesu l-għanijiet rilevanti tal-kapaċità u l-miri ta' prestazzjoni. Ir-rapport għandu jipprovdi wkoll ħarsa

ġenerali lejn l-iżviluppi baġitarji u dawk tal-kostijiet relatati ma' kapaċitajiet ta' rispons, u valutazzjoni tal-ħtieġa ta' żvilupp ulterjuri ta' dawk il-kapaċitajiet.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u taġġorna, flimkien mal-Istati Membri, linji gwida dwar is-sottomissjoni tas-sommarju msemmi fl-Artikolu 15.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar miżuri speċifiċi ta' prevenzjoni u preparatezza relatati ma' riskji li jwasslu għal diżastri li jseħħu b'mod regolari jew li jħallu impatt partikolarment kbir, u jekk xieraq:

   (a) tipproponi l-iskjerament ta' esperti biex jagħtu pariri dwar miżuri ta' prevenzjoni u preparatezza; jew

   (b) tagħmel rakkomandazzjonijiet biex jissaħħaħ il-livell ta' prevenzjoni u preparatezza fl-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni u dak l-Istat Membru għandhom iżommu lil xulxin informati dwar kwalunkwe miżura meħuda b'segwitu għal tali rakkomandazzjonijiet.

Kapitolu 2
Bini tal-kapaċitajiet u preparatezza

Artikolu 17

Għodod għall-bini tal-kapaċitajiet

Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jindirizzaw ir-riskji billi tipprovdi aċċess għal għodod bħal programmi ta' taħriġ u eżerċizzji, assistenza teknika u finanzjarja, rieżamijiet bejn il-pari, l-iskjerament ta' esperti u Timijiet tal-EUCP li jagħtu pariri dwar miżuri ta' prevenzjoni u preparatezza u għoti b'modi oħra ta' għarfien espert, tagħlim u kondiviżjoni tal-għarfien, u ta' appoġġ għall-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri.

Artikolu 18

Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili

1. In-Network ta' Għarfien għandu jaggrega, jipproċessa u jxerred l-għarfien u l-informazzjoni rilevanti għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni u biex jiġu appoġġati inizjattivi kollaborattivi ta' atturi tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri fl-Unjoni, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, awtoritajiet lokali u reġjonali, is-settur privat u l-komunità tar-riċerka, u bbażati fuq approċċ li jkopri perikli multipli.

2. Il-Kummissjoni, permezz tan-Network ta' Għarfien, għandha tqis b'mod xieraq l-għarfien espert disponibbli fl-Istati Membri, inkluż fil-livelli kollha tal-gvern, fil-livell tal-Unjoni, fil-livell tal-organizzazzjonijiet u l-entitajiet internazzjonali, fil-livell tal-pajjiżi terzi u fil-livell tal-organizzazzjonijiet attivi fuq il-post.

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu parteċipazzjoni b'bilanċ bejn il-ġeneri u inklużiva fl-istabbiliment u l-funzjonament tan-Network ta' Għarfien.

4. Il-Kummissjoni, permezz tan-Network ta' Għarfien, għandha tappoġġa l-koerenza tal-proċessi tal-ippjanar u tat-teħid tad-deċiżjonijiet billi tiffaċilita l-iskambju

kontinwu ta' għarfien u informazzjoni li jinvolvi l-oqsma kollha ta' attività fi ħdan il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz tan-Network ta' Għarfien, tappoġġa lill-Istati Membri fis-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju ta' diżastri fost il-popolazzjoni.

6. Il-Kummissjoni, permezz tan-Network, għandha b'mod partikolari:

(a) issaħħaħ il-kapaċità kollettiva għall-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons effettiv għad-diżastri u tappoġġa l-kondiviżjoni tal-għarfien u t-tagħlim, kif ukoll tippromwovi l-investiment fil-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri. Dan jinkludi:

(i) l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' programmi ta' assistenza finanzjarja sabiex jissaħħu l-ġestjoni tar-riskju u l-kondiviżjoni tal-għarfien u biex jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp ta' investimenti u pjanijiet għall-prevenzjoni u l-preparatezza;

(ii) l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' programm ta' taħriġ u eżerċizzju, u programm ta' skambju ta' esperti għall-protezzjoni ċivili u għall-persunal tal-immaniġġar tad-diżastri u tal-kriżijiet li jkopri l-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons. Il-programmi għandhom jiffukaw fuq u jħeġġu l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, tal-immaniġġar tad-diżastri u tal-kriżijiet, u jinkludu korsijiet konġunti. L-iskambju ta' għarfien espert fil-qasam tal-immaniġġar tad-diżastri u tal-kriżijiet għandu jinkludi skambji ta' professjonisti u voluntiera b'esperjenza. It-taħriġ u l-eżerċizzji u l-iskambju ta' programmi ta' esperti għandu jkollhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u tal-immaniġġar tad-diżastri u tal-kriżijiet, li jtejbu l-koordinazzjoni, il-kompatibbiltà u l-komplementarjetà tal-kapaċitajiet imsemmija fl-Artikoli 20 u 21, u li jtejbu l-kompetenza tal-esperti kif imsemmi fl-Artiklu 33;

(iii) l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' programmi għall-forniment u l-iskambju ta' għarfien espert.

(b) issaħħaħ it-tixrid u l-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-fażijiet kollha tal-protezzjoni ċivili u l-immaniġġar tar-riskju ta' diżastri, u l-istimular tal-interazzjoni bejn ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, is-settur privat, u l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

(c) tiġbor u tiġġestixxi t-tagħlimiet meħuda mill-azzjonijiet tal-protezzjoni ċivili mwettqa fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, inklużi aspetti miċ-ċiklu sħiħ tal-ġestjoni tad-diżastri, sabiex jipprovdu bażi wiesgħa għall-proċessi tat-tagħlim u l-iżvilupp tal-għarfien. Dan għandu jinkludi:

(i) monitoraġġ, analiżi u evalwazzjoni tal-azzjonijiet kollha rilevanti tal-protezzjoni ċivili fi ħdan il-Mekkaniżmu tal-Unjoni;

(ii) promozzjoni tal-implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda sabiex jinkiseb pedament ibbażat fuq l-esperjenza għall-iżvilupp ta' attivitajiet fiċ-ċiklu ta' ġestjoni tad-diżastri; u

(iii) żvilupp ta' metodi u għodod għall-ġbir, l-analiżi, il-promozzjoni u l-implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda.

Din l-azzjoni għandha tinkludi wkoll, fejn xieraq, it-tagħlimiet meħuda mill-interventi barra l-Unjoni fir-rigward tal-isfruttar tal-konnessjonijiet u s-sinerġiji bejn l-assistenza pprovduta taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u r-rispons umanitarju;

(d) tamministra pjattaforma online li sservi n-Network ta' Għarfien biex tappoġġa u tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-kompiti differenti msemmija fil-punti (a), (b) u (c).

7. Meta twettaq il-kompiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari l-bżonnijiet u l-interessi tal-Istati Membri li jiffaċċjaw riskji ta' diżastri ta' natura simili, kif ukoll tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-bijodiversità u tal-wirt kulturali.

8. Il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-bini tal-kapaċitajiet u l-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, u għandha tippromwovi l-kondiviżjoni ta' għarfien u esperjenza, bejn in-Network u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-pajjiżi terzi, b'mod partikolari biex tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-impenji internazzjonali, b'mod partikolari dawk fil-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015–2030.

9. In-Network għandu jippromwovi wkoll l-adozzjoni operazzjonali ta' soluzzjonijiet innovattivi ffinanzjati mill-Unjoni, u jappoġġa lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji u approċċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, inkluż permezz tal-akkwist tal-innovazzjoni u ta' sħubijiet pubbliċi-privati.

10. L-organizzazzjoni tan-Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili għandha tiġi stabbilita f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

Artikolu 19

Azzjonijiet ta' preparatezza ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom, fuq bażi volontarja, jiżviluppaw kapaċitajiet ta' rispons f'konformità mal-Artikoli 20 u 21.

2. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri fis-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju ta' diżastri fost il-popolazzjoni.

3. Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tappoġġa u tikkoordina l-allokazzjoni ta' riżerva tal-kapaċitajiet ta' rispons u tat-timijiet ta' intervent, inkluż għat-taħriġ, l-eżerċizzji, l-iskambju tal-għarfien u t-titjib tal-interoperabbiltà tal-kapaċitajiet u tat-timijiet ta' intervent.

4. L-Istati Membri jistgħu, soġġett għal salvagwardji xierqa tas-sigurtà, jipprovdu informazzjoni dwar il-kapaċitajiet ta' rispons militari rilevanti li jistgħu jintużaw bħala parti mill-assistenza permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, bħat-trasport u l-appoġġ loġistiku jew mediku.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni rilevanti dwar l-esperti, il-moduli u kapaċitajiet oħra ta' rispons li jqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-assistenza permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni u għandhom jaġġornaw din l-informazzjoni meta jkun meħtieġ.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjonijiet xierqa ta' preparatezza biex jiffaċilitaw l-appoġġ tan-nazzjon ospitanti.

7. Il-Kummissjoni għandha tagħti midalji sabiex tirrikonoxxi u tonora impenji u kontributi straordinarji dejjiema lill-Mekkaniżmu tal-Unjoni. L-għoti ta' midalji għandu jsir f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

8. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9, il-Kummissjoni tista' tikkoordina l-prijoritajiet ta' politika, kif ukoll, fejn meħtieġ, tikkoordina l-attivitajiet operazzjonali, mal-awtoritajiet nazzjonali ta' pajjiż terz, indikat bħala pajjiż sieħeb strateġiku, li jkun allinja l-objettivi tiegħu fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, jew li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim dwar is-sigurtà u d-difiża.

Artikolu 20

Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili

1. Ir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili (ECPP, European Civil Protection Pool) għandha tikkonsisti f'ġabra ta' kapaċitajiet ta' rispons tal-Istati Membri impenjati b'mod volontarju u tinkludi moduli, kapaċitajiet oħra ta' rispons, kategoriji ta' esperti u timijiet ta' assistenza teknika u appoġġ (TAST). Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli għall-identifikazzjoni tal-esperti, tal-moduli u ta' kapaċitajiet oħra ta' rispons tal-Istati Membri kif ukoll rekwiżiti operazzjonali għall-funzjonament u għall-interoperabbiltà tal-moduli u l-iskjerament f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

2. L-assistenza pprovduta minn Stat Membru permezz tal-ECPP għandha tikkomplementa l-kapaċitajiet eżistenti fl-Istat Membru rikjedenti, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u r-rispons fir-rigward ta' diżastri fit-territorju tagħhom.

3. Fuq il-bażi tar-riskji identifikati u kwalunkwe bini ta' xenarji eżistenti kif imsemmi fl-Artikolu 16(1), il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi t-tipi u tispeċifika l-għadd ta' kapaċitajiet ta' rispons ewlenin meħtieġa għall-ECPP ("l-għanijiet tal-kapaċità ta' rispons"). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha timmonitorja l-progress lejn l-għanijiet tal-kapaċità ta' rispons stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, u tidentifika lakuni potenzjalment sinifikanti fil-kapaċità ta' rispons fl-ECPP. Fejn ikunu ġew identifikati tali lakuni, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-kapaċitajiet meħtieġa humiex disponibbli għall-Istati Membri barra l-ECPP. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw lakuni sinifikanti fil-kapaċità ta' rispons fl-ECPP, f'konformità mar-rapport imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c).

5. Permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tmexxi proċess għaċ-ċertifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-kapaċitajiet ta' rispons li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ECPP u tiddefinixxi r-rekwiżiti ta' kwalità u interoperabbiltà tal-kapaċitajiet ta' rispons.

6. L-Istati Membri għandhom, fuq bażi volontarja, jidentifikaw, jimpenjaw u jirreġistraw il-kapaċitajiet ta' rispons li joffru lill-ECPP, inklużi l-kapaċitajiet militari rilevanti li jistgħu jintużaw bħala parti mill-assistenza. Ir-reġistrazzjoni ta' moduli

multinazzjonali pprovduti minn żewġ Stati Membri jew aktar għandha ssir b'mod konġunt mill-Istati Membri kollha kkonċernati.

7. Il-kapaċitajiet ta' rispons li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ECPP għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin għall-finijiet nazzjonali.

8. Il-kapaċitajiet ta' rispons li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ECPP għandhom ikunu disponibbli għall-operazzjonijiet ta' rispons taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni wara talba għal assistenza permezz tal-ERCC. Id-deċiżjoni aħħarija dwar l-iskjerament tagħhom għandha tittieħed mill-Istati Membri li rreġistraw il-kapaċità ta' rispons ikkonċernata. Meta minħabba emerġenzi domestiċi, force majeure jew, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet serji, Stat Membru ma jkunx jista' jagħmel dawk il-kapaċitajiet ta' rispons disponibbli fil-każ ta' diżastru speċifiku, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli billi jirreferi għal dan l-Artikolu.

9. Fil-każ ta' skjerament, il-kapaċitajiet ta' rispons tal-Istati Membri għandhom jibqgħu taħt il-kmand u l-kontroll tagħhom u jistgħu jiġu rtirati, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, meta minħabba emerġenzi domestiċi, force majeure jew, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet serji, Stat Membru ma jkunx jista' jżomm dawk il-kapaċitajiet ta' rispons disponibbli. Il-koordinazzjoni fost il-kapaċitajiet differenti ta' rispons għandha tkun iffaċilitata fejn meħtieġ mill-Kummissjoni permezz tal-ERCC f'konformità mal-Artikolu 25.

Artikolu 21

Ir-rescEU

1. Ir-rescEU għandu jipprovdi assistenza biex jikkomplementa l-kapaċitajiet ta' rispons eżistenti ġenerali fil-livell nazzjonali u dawk impenjati mill-Istati Membri għall-ECPP jew jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet operazzjonali biex jiġi żgurat rispons effettiv u malajr għat-talbiet għal assistenza magħmula f'konformità mal-Artikolu 28.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi l-kapaċitajiet ta' rispons li r-rescEU għandu jikkonsisti minnhom, fost affarijiet oħra, abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 16(1), filwaqt li tqis ir-riskji identifikati u emerġenti u l-kapaċitajiet u l-lakuni ġenerali fil-livell tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

3. Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu akkwistati, jinkrew, jinkisbu b'lokazzjoni, jew jiġu kkuntrattati b'xi mod ieħor minn jew mogħtija b'donazzjoni lill-Istati Membri.

4. Il-kapaċitajiet tar-rescEU, kif definiti permezz tal-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2), jistgħu jinkrew, jinkisbu b'lokazzjoni jew jiġu kkuntrattati b'xi mod ieħor mill-Kummissjoni sa fejn ikun meħtieġ biex jiġu indirizzati l-lakuni fil-qasam tat-trasport u l-loġistika.

5. F'każijiet ta' urġenza ġġustifikati kif xieraq, il-Kummissjoni tista' takkwista, tikri, tikseb b'lokazzjoni jew tikkuntratta b'xi mod ieħor kapaċitajiet iddeterminati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 35(2). Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom:

(a) jiddeterminaw it-tip u l-kwantità meħtieġa ta' mezzi materjali u kwalunkwe servizz ta' appoġġ abilitanti meħtieġ, li diġà huma ddefiniti bħala kapaċitajiet tar-rescEU; u/jew

(b) jiddefinixxu mezzi materjali addizzjonali u kwalunkwe servizz ta' appoġġ abilitanti meħtieġ bħala kapaċitajiet tar-rescEU u jiddeterminaw it-tip u l-kwantità meħtieġa ta' dawn il-kapaċitajiet.

6. Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu ospitati mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jiżguraw distribuzzjoni ġeografika adegwata tal-kapaċitajiet tar-rescEU.

7. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi r-rekwiżiti ta' kwalità, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għall-kapaċitajiet ta' rispons li jifformaw parti mir-rescEU, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri. Ir-rekwiżiti ta' kwalità għandhom ikunu bbażati fuq standards internazzjonali stabbiliti, meta tali standards ikunu diġà jeżistu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

8. Il-kapaċitajiet tar-rescEU jistgħu jintużaw għal skopijiet nazzjonali, inklużi kapaċitajiet b'użu doppju, biss meta ma jkunux qegħdin jintużaw jew ma jkunux meħtieġa għal rispons.

9. Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jintużaw, inkluż għall-iskjerament, l-użu nazzjonali, is-self jew id-donazzjonijiet, inkluż għall-ġestjoni tar-riżervi strateġiċi tar-rescEU, f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

10. Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom ikunu disponibbli għal rispons wara talba għal assistenza li ssir permezz tal-ERCC f'konformità mal-Artikolu 28. Id-deċiżjoni dwar l-iskjerament u d-demobilizzazzjoni tagħhom, u kwalunkwe deċiżjoni f'każ ta' talbiet konfliġġenti, għandha tittieħed mill-Kummissjoni, permezz tal-ERCC, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru rikjedenti u mal-Istat Membru li jospita l-kapaċità ta' rispons.

11. Meta l-kapaċitajiet tar-rescEU jikkonsistu minn tagħmir jew oġġetti konsumabbli, il-Kummissjoni, permezz tal-ERCC, tista' tiddeċiedi li tagħti b'donazzjoni jew b'self il-kapaċitajiet tar-rescEU offruti.

12. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu ġew skjerati l-kapaċitajiet tar-rescEU għandu jkun responsabbli li jidderieġi l-operazzjonijiet ta' rispons. Fil-każ ta' skjerament barra mill-Unjoni, l-Istati Membri li jospitaw il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li l-kapaċitajiet tar-rescEU jiġu integrati bis-sħiħ fir-rispons globali.

13. F'każ ta' skjerament, il-Kummissjoni, permezz tal-ERCC, għandha tiftiehem mal-Istat Membru rikjedenti dwar l-iskjerament operazzjonali tal-kapaċitajiet tar-rescEU. L-Istat Membru rikjedenti għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni operazzjonali tal-kapaċitajiet tiegħu u tal-attivitajiet tar-rescEU matul l-operazzjonijiet.

14. Il-koordinazzjoni tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni differenti għandha tiġi ffaċilitata, fejn xieraq, mill-Kummissjoni permezz tal-ERCC.

15. L-Istati Membri għandhom jiġu informati dwar l-istatus operazzjonali tal-kapaċitajiet tar-rescEU permezz ta' CECIS.

16. Soġġett għall-ħtiġijiet operazzjonali fl-Istati Membri, il-kapaċitajiet tar-rescEU jistgħu jiġu skjerati b'rispons għal diżastri u kriżijiet barra mill-Unjoni li għandhom impatt sinifikanti fuq l-Unjoni jew fuq l-Istati Membri jew li huma ta' tħassib internazzjonali.

17. Meta jiġu skjerati kapaċitajiet tar-rescEU f'pajjiżi terzi, f'każijiet speċifiċi, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jiskjeraw il-persunal tagħhom stess, f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

Artikolu 22

rescEU tranżizzjonali

1. Sal-2034, jista' jiġi pprovdut appoġġ mill-Unjoni biex ikopri 75 % tal-kostijiet neċessarji biex jiġi żgurat aċċess rapidu għall-kapaċitajiet nazzjonali li jikkorrispondu għal dawk definiti f'konformità mal-Artikolu 21(2).

2. Il-kapaċitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu indikati bħala kapaċitajiet tar-rescEU sa tmiem id-data msemmija fih.

3. B'deroga mill-Artikolu 21, id-deċiżjoni dwar l-iskjerament tal-kapaċitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tittieħed mill-Istat Membru li jkun għamilhom disponibbli bħala kapaċitajiet tar-rescEU. F'każ ta' emerġenzi domestiċi, force majeure jew, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet serji li jwaqqfu lil Stat Membru milli jagħmel dawk il-kapaċitajiet disponibbli għal diżastru speċifiku, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli billi jirreferi għal dan l-Artikolu.

Artikolu 23

Antiċipazzjoni u twissija bikrija

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha twettaq l-azzjonijiet li ġejjin biex ittejjeb il-kapaċitajiet ta' antiċipazzjoni u ta' twissija bikrija, filwaqt li tibni fuq il-kapaċitajiet spazjali tal-Unjoni pprovduti minn Copernicus, minn Galileo u, fejn meħtieġ, minn servizzi spazjali oħra:

   (a) Tkompli ttejjeb is-sistemi ta' detezzjoni transfruntiera u ta' twissija bikrija li huma ta' interess għall-Unjoni sabiex jittaffew l-effetti immedjati tad-diżastri;

   (b) tintegra u ttejjeb is-sistemi eżistenti ta' detezzjoni transfruntiera u ta' twissija bikrija bl-użu ta' approċċ li jkopri perikli multipli, bl-objettiv li jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien meħtieġ għar-rispons;

   (c) iżżomm u tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet ta' għarfien tas-sitwazzjoni u ta' analiżi;

   (d) timmonitorja d-diżastri u, fejn rilevanti, tivvaluta l-impatti tat-tibdil fil-klima, tagħti pariri bbażati fuq l-għarfien xjentifiku;

   (e) tittraduċi d-data xjentifika f'informazzjoni operazzjonali azzjonabbli;

   (f) toħloq, iżżomm, u tmexxi 'l quddiem sħubijiet xjentifiċi Ewropej li jindirizzaw il-perikli kollha, u b'hekk tippromwovi l-interkonnessjoni bejn is-sistemi nazzjonali ta' twissija bikrija u ta' allert, u potenzjalment tgħaqqad dawn is-sistemi mal-ERCC u s-sistemi tal-IT rilevanti;

(g) tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali li għandhom mandat billi tipprovdi għarfien xjentifiku, teknoloġiji innovattivi, u għarfien espert għall-iżvilupp tas-sistemi ta' twissija bikrija tagħhom, inkluż permezz tan-Network ta' Għarfien.

2. Faċilità xjentifika u teknika għandha tiġbor flimkien inizjattivi, programmi, għodod u servizzi eżistenti, bħas-servizzi ta' Copernicus, biex tikkontribwixxi b'għarfien espert xjentifiku u tekniku għall-preparatezza operazzjonali, l-analiżi u l-għarfien tas-sitwazzjoni taċ-Ċentru, l-ERCC u l-Istati Membri sabiex jiġu antiċipati u jkun hemm tħejjija u rispons għal diżastri u kriżijiet skont approċċi transsettorjali orjentati lejn is-servizz u li jkopru l-perikli kollha.

3. Meta s-servizzi ta' emerġenza jiġu pprovduti minn Galileo u EGNOS, Copernicus, IRIS2 u GOVSATCOM jew is-sistema tal-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju, kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jużahom.

Artikolu 24

Sistemi ta' twissija pubblika

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera mal-Istati Membri biex tappoġġa l-integrazzjoni tas-Servizz Satellitari ta' Twissija ta' Emerġenza ta' Galileo fis-sistemi nazzjonali ta' twissija pubblika.

2. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri fit-tisħiħ tal-preparatezza u s-sensibilizzazzjoni tal-popolazzjoni dwar l-allerti kontinwi madwar l-Unjoni.

3. Fil-każ ta' diżastru transkonfinali, iċ-Ċentru u l-ERCC jistgħu jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost il-pajjiżi kkonċernati rigward l-użu tas-Servizz Satellitari ta' Twissija ta' Emerġenza ta' Galileo. Abbażi ta' talba minn Stat Membru, iċ-Ċentru u l-ERCC jistgħu jxerrdu f'isem dak l-Istat Membru, messaġġi ta' twissija pubblika permezz tas-Servizz Satellitari ta' Twissija ta' Emerġenza ta' Galileo fi ħdan dak l-Istat Membru.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi proċeduri għall-użu tas-Servizz Satellitari ta' Twissija ta' Emerġenza ta' Galileo biex tgħin lil pajjiżi terzi li jitolbu dak is-servizz.

5. Il-messaġġi ta' twissija pubblika msemmija fil-paragrafu 3 jistgħu jqisu s-servizzi ta' Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju tal-Unjoni, b'mod partikolari s-servizzi ta' sorveljanza u ta' traċċar tal-ispazju.

Artikolu 25

Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza

1. L-ERCC għandu jtejjeb l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni dwar ir-riskji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll il-kapaċità operazzjonali 24/7, u jservi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament.

2. L-ERCC għandu jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni ċivili u mal-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-Unjoni.

3. B'mod partikolari, l-ERCC għandu jikkoordina, jimmonitorja u jappoġġa r-rispons fil-livell tal-Unjoni f'ħin reali.

4. L-ERCC għandu jkollu aċċess għal kapaċitajiet operazzjonali, analitiċi, ta' monitoraġġ, ta' ġestjoni tal-informazzjoni u ta' komunikazzjoni, u għandu jkun mgħammar biex jirċievi u jipproċessa informazzjoni klassifikata tal-UE, biex jindirizza firxa wiesgħa ta' diżastri fl-Unjoni u barra minnha.

5. L-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt għall-funzjonament tal-ERCC u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan. L-interazzjoni tal-ERCC mal-punti ta' kuntatt tal-Istat Membru għandha tiġi ddefinita permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

Artikolu 26

Ċentru għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25, b'dan huwa stabbilit Ċentru għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet (iċ-Ċentru). Iċ-Ċentru għandu jibni fuq l-istruttura u l-kapaċitajiet tal-ERCC, inklużi l-kapaċitajiet analitiċi u xjentifiċi tiegħu, l-għarfien tas-sitwazzjoni, u l-kapaċità operazzjonali 24/7 għal kriżijiet transsettorjali.

2. Iċ-Ċentru għandu jikkoopera mill-qrib maċ-Ċentru għar-Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE fid-dimensjoni esterna tal-kriżijiet transsettorjali, fir-rigward tar-rwoli u l-kompetenzi tiegħu.

3. Iċ-Ċentru għandu jantiċipa u jimmonitorja r-riskji konnessi ma' kriżijiet transsettorjali, inkluż billi jipproduċi aġġornamenti regolari ta' prospettiva operazzjonali dwar ir-riskji transsettorjali u minn kull periklu.

4. Iċ-Ċentru għandu jiżgura l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, kif indikati f'konformità mal-paragrafu 5, mas-servizzi tal-Kummissjoni, mal-istituzzjonijiet u mal-korpi tal-Unjoni, u jipprovdi appoġġ fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29(1).

5. L-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt għall-funzjonament taċ-Ċentru u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Kapitolu 3
Rispons

Artikolu 27

Notifiki ta' diżastri

1. F'każ ta' diżastru fl-Unjoni, jew ta' diżastru imminenti, li jikkawża jew jista' jikkawża effetti transkonfinali, l-Istat Membru fejn iseħħ jew x'aktarx se jseħħ id-diżastru għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika lill-Istati Membri potenzjalment milquta u lill-Kummissjoni. In-notifika lill-Kummissjoni ma għandhiex tkun meħtieġa meta l-obbligu tan-notifika jkun diġà ġie indirizzat taħt leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika jew taħt ftehimiet internazzjonali eżistenti.

2. Fl-eventwalità ta' diżastru fl-Unjoni, jew ta' diżastru imminenti, li x'aktarx jirriżulta f'talba għal assistenza minn Stat Membru wieħed jew aktar, l-Istat Membru fejn iseħħ jew x'aktarx se jseħħ id-diżastru għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika lill-Kummissjoni li talba għall-assistenza permezz tal-ERCC tista' tiġi mistennija, biex

il-Kummissjoni tkun tista', kif xieraq, tinforma lill-Istati Membri l-oħra u tattiva s-servizzi kompetenti tagħha.

3. In-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom isiru permezz ta' CECIS, kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-komponenti ta' CECIS kif ukoll l-organizzazzjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni permezz ta' CECIS permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

4. Iċ-Ċentru għandu jiżgura li jkollu qafas xieraq biex jirċievi n-notifiki dwar il-kriżijiet, li l-Kummissjoni tirċievi permezz ta' strumenti oħra tal-Unjoni.

Artikolu 28

Talba għal assistenza

1. Meta jseħħ diżastru jew ikun imminenti diżastru, l-Istat Membru jew il-pajjiż terz milqut jista' jitlob l-assistenza permezz tal-ERCC. It-talba għandha tkun kemm jista' jkun speċifika. Tista' tinkludi, b'mod partikolari, talba għal moduli, timijiet ta' intervent, oġġetti u tagħmir ta' assistenza f'diżastri, riżorsi loġistiċi, riżorsi tat-trasport, u kwalunkwe riżorsa oħra. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-proċeduri operazzjonali għar-rispons għad-diżastri permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

2. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, u fin-nuqqas ta' talba għal assistenza minn pajjiż terz milqut minn diżastru, Stat Membru jista', għal raġunijiet umanitarji, jitlob l-attivazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni. L-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandha tkun f'konformità mar-regoli applikabbli tad-dritt internazzjonali (inkluż il-kunsens (espliċitu jew impliċitu) tal-pajjiż milqut). Ir-rispons globali għandu jsir f'koordinazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha, u jkollu fis-seħħ aċċettazzjoni effettiva tal-offerti u l-għoti tal-assistenza.

3. Meta l-pajjiż milqut ikun pajjiż terz, l-assistenza tista' tintalab ukoll min-Nazzjonijiet Uniti u mill-aġenziji tagħha, jew minn organizzazzjoni internazzjonali rilevanti, f'isem u bi qbil mal-pajjiż milqut. Il-Kummissjoni għandha tidentifika l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

4. Talba għal assistenza għandha tiskadi wara perjodu massimu ta' 90 jum, sakemm ma jiġux ipprovduti elementi ġodda li jiġġustifikaw il-bżonn għal assistenza kontinwa jew addizzjonali lill-ERCC.

5. Il-Faċilità ta' Konsulenza Xjentifika u Teknika (STAF, Scientific and Technical Advisory Facility) għandha tgħaqqad il-kapaċitajiet analitiċi u xjentifiċi eżistenti, inklużi dawk offruti mill-ERCC, meħtieġa għal rispons. Pajjiż milqut jista' jitlob lill-ERCC jattiva l-STAF, inklużi s-servizzi pprovduti mill-kapaċitajiet spazjali tal-UE u jikseb aċċess għad-data miksuba mill-ispazju.

6. Mal-wasla ta' talba għal assistenza, il-Kummissjoni, permezz tal-ERCC, għandha, kif ikun xieraq u mingħajr dewmien:

   (a) tibgħat it-talba lill-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri l-oħra;

   (b) tiġbor u tanalizza informazzjoni dwar is-sitwazzjoni, bil-għan li tiġġenera għarfien komuni tas-sitwazzjoni u r-rispons għaliha, u xxerred dik l-informazzjoni direttament fost l-Istati Membri;

(c) tiffaċilita l-koordinazzjoni u l-għoti ta' assistenza, jekk ikun meħtieġ, permezz tal-preżenza fuq il-post ta' espert jew ta' Tim tal-EUCP, u ta' azzjoni addizzjonali meħtieġa ta' appoġġ u komplementari;

(d) tagħti pariri dwar it-tip ta' assistenza meħtieġa biex jittaffew il-konsegwenzi ta' diżastru;

(e) tagħmel rakkomandazzjonijiet f'konsultazzjoni mal-Istat Membru jew il-pajjiż terz milqut, għall-għoti ta' assistenza permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, u tistieden lill-Istati Membri jiskjeraw il-kapaċitajiet u jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-assistenza meħtieġa. Meta l-pajjiż rikjedenti jkun Stat Membru, huwa għandu jieħu l-azzjonijiet xierqa biex jiffaċilita l-appoġġ tan-nazzjon ospitanti għall-assistenza li tkun se tingħata f'konformità mar-rakkomandazzjoni dwar l-Appoġġ tan-Nazzjonijiet Ospitanti.

7. Meta l-pajjiż milqut ikun pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha:

(a) iżżomm kuntatt mal-pajjiż milqut dwar dettalji tekniċi, bħall-ħtiġijiet preċiżi għall-assistenza, l-aċċettazzjoni ta' offerti u l-arranġamenti prattiċi biex l-assistenza tintlaqa' u titqassam lokalment;

(b) iżżomm kuntatt man-Nazzjonijiet Uniti u mal-aġenziji tagħha jew tappoġġahom, u tikkoopera ma' atturi rilevanti oħra li jikkontribwixxu għall-isforz ġenerali ta' assistenza, biex timmassimizza s-sinerġiji, tfittex il-komplementarjetajiet u tevita d-duplikazzjoni u l-lakuni;

(c) iżżomm kuntatt mal-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari fil-fażi tal-għeluq tal-assistenza, biex tiffaċilita trasferiment mingħajr xkiel.

8. Kull Stat Membru li lilu tkun indirizzata talba għal assistenza permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu minnufih jiddetermina jekk hux f'pożizzjoni li jagħti l-assistenza mitluba u jinforma lill-ERCC bid-deċiżjoni tiegħu permezz ta' CECIS, filwaqt li jindika l-kamp ta' applikazzjoni u t-termini tal-assistenza. L-ERCC għandu jżomm lill-Istati Membri infurmati.

9. L-interventi barra mill-Unjoni skont dan l-Artikolu jistgħu jitmexxew jew bħala intervent awtonomu ta' assistenza jew bħala kontribut għal intervent immexxi minn organizzazzjoni internazzjonali. Il-koordinazzjoni tal-Unjoni għandha tkun integrata bis-sħiħ mal-koordinazzjoni globali pprovduta min-Nazzjonijiet Uniti u mill-aġenziji tagħha u għandha tirrispetta r-rwol ta' tmexxija tagħhom. Fil-każ ta' diżastri kkawżati mill-bniedem jew emerġenzi kumplessi, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konsistenza mal-Kunsens Ewropew dwar l-assistenza Umanitarja, u tirrispetta l-prinċipji umanitarji.

10. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jippromwovu sinerġiji bejn il-finanzjament għall-assistenza għall-protezzjoni ċivili u għall-assistenza umanitarja pprovdut mill-Unjoni u l-Istati Membri fl-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' rispons għal kriżijiet umanitarji barra l-Unjoni.

11. Il-koordinazzjoni tal-assistenza għal pajjiżi terzi magħmula permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni ma għandha taffettwa la l-kuntatti bilaterali u l-assistenza bejn l-Istati Membri u l-pajjiż milqut, u lanqas il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u n-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra rilevanti. Tali kuntatti bilaterali u assistenza jistgħu jintużaw ukoll biex jikkontribwixxu għall-koordinazzjoni permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni u għat-trażmissjoni lill-ERCC

ta' informazzjoni dwar kwalunkwe kuntatt bilaterali u assistenza mogħtija lill-pajjiż milqut.

12. L-assistenza tista' tiġi offruta minn istituzzjonijiet, aġenziji, u korpi oħra tal-Unjoni u kkoordinata bħala parti mir-rispons skont dan l-Artikolu.

Artikolu 29

Appoġġ għal kriżijiet transsettorjali

1. Iċ-Ċentru jista' jintuża biex jipprovdi appoġġ għal kriżijiet transsettorjali meta:

   (a) ir-rispons jinbeda taħt strumenti oħra tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskji;

   (b) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (b) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993[31];

   (c) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/415/UE[32];

   (d) jintalab appoġġ mill-Kunsill;

   (e) f'każijiet ta' emerġenza tas-saħħa pubblika fil-livell tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2022/2371 jew id-dikjarazzjoni ta' emerġenzi tas-saħħa ta' tħassib internazzjonali mid-WHO.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-appoġġ tal-Unjoni għar-rispons jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet biex jirrifletti l-iskala u l-impatt tal-kriżi.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' takkwista jew tagħti għotjiet lill-Istati Membri għall-akkwist ta' mezzi materjali u kwalunkwe servizz abilitanti meħtieġ biex jikkomplementa l-assistenza skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

4. Meta l-Mekkaniżmu tal-Unjoni jipprovdi appoġġ għar-rispons jew iċ-Ċentru jiffaċilita r-rispons mibdi taħt strumenti oħra tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskji, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-istrumenti għandu jitqies għad-determinazzjoni tal-inklużjoni ta' pajjiżi assoċjati fir-rigward tal-azzjonijiet taħt dan il-Kapitolu.

Artikolu 30

Assistenza konsulari

1. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jista' jintuża biex jipprovdi appoġġ għall-protezzjoni ċivili għall-assistenza konsulari liċ-ċittadini tal-Unjoni f'diżastri f'pajjiżi terzi jekk jintalab mill-Istat Membru kkonċernat.

2. L-appoġġ għall-protezzjoni ċivili għall-assistenza konsulari għandu jirrifletti s-solidarjetà fost l-Istati Membri u jinkludi b'mod partikolari r-ripatrijazzjoni, l-evakwazzjoni, u t-tluq assistit, kif ukoll azzjonijiet oħra ta' assistenza.

3. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jiżdied fl-iskala b'kunsiderazzjoni tal-pluralità tan-nazzjonalitajiet taċ-ċittadini tal-Unjoni koperti mill-azzjoni inkwistjoni.

---

31 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (ĠU L 320, 17.12.2018, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2018/1993/oj).

32 2014/415/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-klawżola ta' solidarjetà (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/415/oj).

4. L-Istat Membru li jwettaq l-azzjoni ta’ assistenza konsulari jista’ jitlob li l-passiġġieri jew l-Istati Membri li ċ-ċittadini tagħhom ikunu koperti mill-azzjoni inkwistjoni jikkontribwixxu għall-kostijiet relatati mal-azzjoni. Meta tingħata assistenza lil ċittadin tal-Unjoni li jkollu n-nazzjonalità ta’ Stat Membru li ma jkunx irrappreżentat f’pajjiż terz kif stabbilit fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2015/637, għandhom japplikaw l-Artikoli 14 u 15 ta’ dik id-Direttiva.

Kapitolu 4
Appoġġ tal-Unjoni għar-rispons

Artikolu 31

Appoġġ tal-Unjoni għar-rispons

1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa r-rispons imsemmi fl-Artikolu 32 billi:

   (a) tipprovdi u tikkondividi informazzjoni dwar tagħmir u dwar riżorsi loġistiċi u tat-trasport li l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli, bil-ħsieb li tiffaċilita l-akkomunament ta’ tali tagħmir jew riżorsi loġistiċi u tat-trasport;

   (b) tassisti lill-Istati Membri biex jidentifikaw ir-riżorsi loġistiċi u tat-trasport u t-tagħmir li jistgħu jkunu disponibbli minn sorsi oħra, inkluż mis-suq kummerċjali, u tiffaċilita l-aċċess tagħhom għal tali riżorsi;

   (c) tiffinanzja r-riżorsi loġistiċi u tat-trasport, inklużi r-riżorsi militari, kif ukoll il-kost operazzjonali meħtieġ biex jiġi żgurat rispons rapidu, inkluż fejn ir-riżorsi loġistiċi u tat-trasport jintalbu mill-pajjiż milqut.

2. L-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 32 għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ tal-Unjoni għar-rispons biss jekk jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

   (a) tkun saret talba għall-assistenza f’konformità mal-Artikolu 28;

   (b) ir-riżorsi addizzjonali loġistiċi u tat-trasport ikunu meħtieġa biex tiġi żgurata l-effettività tar-rispons;

   (c) l-assistenza tkun tikkorrispondi mal-ħtiġijiet identifikati mill-ERCC u tingħata f’konformità mar-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-ERCC dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kwalità, il-ħin u l-modalitajiet għall-għoti;

   (d) l-assistenza tkun ġiet aċċettata mill-pajjiż rikjedenti, jew direttament jew permezz tan-Nazzjonijiet Uniti jew l-aġenziji tagħha, jew organizzazzjoni internazzjonali rilevanti, skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni; u

   (e) l-assistenza tkun tikkomplementa, għal diżastri f’pajjiżi terzi, kwalunkwe rispons umanitarju globali tal-Unjoni.

3. Meta Stat Membru jitlob lill-Kummissjoni biex tikkuntratta servizzi ta’ trasport, il-Kummissjoni għandha titlob rimborż parzjali tal-kostijiet skont ir-rati ta’ finanzjament stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 32

Rispons

1. Sabiex tippromwovi rispons effettiv, il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri li joffru assistenza billi:

(a) tidentifika u taċċessa tagħmir, riżorsi u servizzi tat-trasport u loġistiċi fil-forma ta' aċċess għas-suq kummerċjali jew għal sorsi oħrajn permezz tal-Kummissjoni, bħal servizzi tat-trasport akkwistati minn entitajiet privati jew entitajiet oħrajn, u tiffaċilita l-aċċess tagħhom għal tali riżorsi;

(b) tipprovdi u tikkondividi informazzjoni dwar it-tagħmir, ir-riżorsi u s-servizzi loġistiċi u tat-trasport fil-forma ta' akkomunament ma' Stati Membri oħra, u tiffaċilita l-istabbiliment u ż-żamma ta' ċentri loġistiċi li jiffaċilitaw l-akkomunament;

(c) tappoġġa t-trasport ta' assistenza offruta b'mod spontanju mhux impenjata minn qabel lill-ECPP;

(d) tiffaċilita l-azzjonijiet li jippermettu li jkun hemm ċentri ta' evakwazzjoni medika u li titwettaq evakwazzjoni medika;

(e) tħejji għall-mobilizzazzjoni u l-iskjerament ta' esperti u ta' Timijiet tal-EUCP;

(f) tħejji għall-mobilizzazzjoni u l-iskjerament ta' timijiet ta' intervent;

(g) tiżviluppa u żżomm il-kapaċità ta' intensifikazzjoni permezz ta' network ta' esperti mħarrġa tal-Istati Membri;

(h) tippożizzjona minn qabel u tikkoordina b'mod temporanju l-kapaċitajiet ta' rispons f'sitwazzjonijiet ta' riskju akbar, u wara t-talba ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz, u filwaqt li tqis il-valutazzjoni tal-Kummissjoni;

(i) talloka bħala riżerva l-kapaċitajiet ta' rispons matul il-perjodi u f'żoni li jesperjenzaw riskji staġunali akbar jew rikorrenti, u wara t-talba ta' Stat Membru;

(j) tittrasporta l-assistenza meħtieġa f'diżastri ambjentali li fihom japplika l-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas", li għalihom għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għat-trasport tal-assistenza jintalab mill-Istat Membru milqut jew li jassisti abbażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet iġġustifikata kif xieraq;

(ii) l-Istat Membru milqut jew li jassisti jieħu, kif xieraq, il-passi kollha meħtieġa biex jitlob u jikseb kumpens minn min iniġġes, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali internazzjonali, tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli kollha;

(iii) malli jirċievi kumpens mingħand min iniġġes, l-Istat Membru milqut jew li jassisti għandu, kif xieraq, jirrimborża lill-Unjoni minnufih.

(k) tieħu azzjoni ta' appoġġ u komplementari addizzjonali neċessarja biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tar-rispons bl-aktar mod effettiv.

2. Fil-każ ta' operazzjonijiet tat-trasport tal-Istati Membri mill-punt tal-akkomunament sad-destinazzjoni finali, Stat Membru għandu jassumi t-tmexxija fit-talba għal appoġġ tal-Unjoni fil-forma ta' għotja jew faċilitazzjoni ta' aċċess għar-riżorsi u s-servizzi meħtieġa, għall-operazzjoni kollha.

3. Il-kostijiet relatati mal-paragrafu 1, il-punti (h) u (i), ma għandhomx ikunu eliġibbli meta jkunu koperti mill-Appoġġ tan-Nazzjonijiet Ospitanti.

4. Fil-każ ta' diżastru ambjentali kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (j), li ma jaffettwax lil Stat Membru, l-azzjonijiet imsemmija fil-punt (j) għandhom jitwettqu mill-Istat Membru li jassisti.

5. Il-Kummissjoni tista' tikkomplementa r-riżorsi loġistiċi u tat-trasport ipprovduti mill-Istati Membri billi tipprovdi r-riżorsi addizzjonali meħtieġa biex jiġi żgurat rispons rapidu.

6. Il-Kummissjoni tista' tiffaċilita r-rispons billi tiżviluppa materjal kartografiku għall-iskjerament u l-mobilizzazzjoni rapidi tar-riżorsi, filwaqt li tqis b'mod speċjali l-partikolaritajiet tar-reġjuni transfruntiera għal riskji transkonfinali f'bosta pajjiżi.

7. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dwar l-iskjerament ta' esperti u Timijiet tal-EUCP f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

8. Meta Stat Membru jitlob lill-Kummissjoni biex tikkuntratta servizzi ta' trasport, il-Kummissjoni għandha titlob rimborż parzjali tal-kostijiet skont ir-rati ta' finanzjament stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 33

L-iskjerament ta' esperti u ta' Tim tal-EUCP

1. Fuq talba ta' Stat Membru, ta' pajjiż terz, tan-Nazzjonijiet Uniti jew tal-aġenziji tiegħu jew ta' organizzazzjoni internazzjonali rilevanti identifikata f'konformità mal-Artikolu 28(3), il-Kummissjoni tista' tagħżel, taħtar u tipprovdi appoġġ fl-iskjerament ta' espert individwali jew ta' Timijiet tal-EUCP magħmula minn esperti nnominati mill-Istati Membri biex jagħtu pariri dwar miżuri ta' prevenzjoni jew ta' preparatezza, jew biex jappoġġaw valutazzjoni komuni tas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet, jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-assistenza teknika jew jagħtu pariri tekniċi.

2. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u l-kapaċitajiet taċ-Ċentru jistgħu jintużaw biex jipprovdu appoġġ għall-iskjerament ta' esperti jew ta' Timijiet tal-EUCP f'każijiet fejn il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jkun qed jipprovdi appoġġ fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 29. Esperti mill-Kummissjoni u minn istituzzjonijiet u aġenziji oħra tal-Unjoni, inkluż it-Task Force tal-UE għas-Saħħa stabbilita f'konformità mal-Artikolu 11, il-punt (a) tar-Regolament (KE) Nru 851/2004[33], u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jiġu integrati fit-tim sabiex jappoġġaw it-Tim tal-EUCP u jiffaċilitaw il-kollegament maċ-Ċentru. Fit-tim jistgħu jiġu integrati esperti mibgħuta mill-aġenziji tan-NU jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra sabiex isaħħu l-kooperazzjoni u jiffaċilitaw valutazzjonijiet konġunti.

3. Fejn l-effettività operazzjonali tkun tirrikjedih, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tista' tiffaċilita l-involviment ta' esperti addizzjonali, permezz tal-iskjerament tagħhom, u appoġġ tekniku u xjentifiku, u ssejjaħ għarfien xjentifiku speċjalist espert kif ukoll għarfien espert settorjali u f'emerġenzi mediċi.

4. Il-proċedura għall-għażla u għall-ħatra ta' esperti għandha tkun kif ġej:

[33] Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard, ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1–11.

(a) l-Istati Membri għandhom jaħtru esperti, taħt ir-responsabbiltà tagħhom, li jkunu jistgħu jiġu skjerati bħala membri ta' Timijiet tal-EUCP;

(b) il-Kummissjoni għandha tagħżel l-esperti u l-mexxej għal dawk it-timijiet abbażi tal-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom, inkluż il-livell tat-taħriġ dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni mwettaq, l-esperjenza preċedenti ta' missjonijiet taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u ħidma oħra internazzjonali ta' assistenza; l-għażla għandha tkun ibbażata wkoll fuq kriterji oħra, inklużi l-ħiliet lingwistiċi, sabiex ikun żgurat li t-tim fl-intier tiegħu jkollu l-ħiliet disponibbli meħtieġa għas-sitwazzjoni speċifika;

(c) il-Kummissjoni għandha tagħżel l-esperti u l-mexxejja tat-tim għall-missjoni bi qbil mal-Istat Membru li jinnominahom;

(d) il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri dwar appoġġ espert addizzjonali li jingħata f'konformità mal-paragrafu 3.

5. Meta jintbagħtu esperti jew Timijiet tal-EUCP, dawn għandhom jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn il-kapaċitajiet ta' rispons tal-Istati Membri u għandhom jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż rikjedenti. L-ERCC għandu jżomm kuntatt mill-qrib mat-timijiet ta' esperti u għandu jipprovdilhom gwida u appoġġ loġistiku.

6. Il-Kummissjoni għandha, permezz tal-ERCC, tappoġġa lill-esperti u t-Timijiet tal-EUCP li jkunu ntgħażlu, inħatru jew ġew skjerati skont dan l-Artikolu fit-tħejjija ta' pjan ta' sigurtà u sikurezza, billi taqsam il-valutazzjoni tas-sigurtà tagħha stess u billi tipprovdi briefing tas-sigurtà bħala parti mill-briefing dwar il-missjoni. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-esperti u lit-Timijiet tal-EUCP fit-tħejjija ta' miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali u ta' miżuri oħra meħtieġa qabel jew waqt l-iskjerament.

TITOLU III
IL-PREPARATEZZA U R-RISPONS GĦALL-EMERĠENZI TAS-SAĦĦA

Artikolu 34

Il-Preparatezza u r-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa

Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-prevenzjoni ta' u l-preparatezza u r-rispons għal theddid transfruntier serju għas-saħħa, b'mod partikolari billi:

(a) tappoġġa l-ġbir tad-data, l-iskambju tal-informazzjoni, u s-sistemi ta' twissija bikrija u ta' sorveljanza;

(b) issaħħaħ id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' kontromiżuri mediċi, inkluż permezz ta' akkwist, riżervi tal-kapaċità kif ukoll il-kumulazzjoni u l-użu tagħhom;

(c) tibni l-kapaċitajiet;

(d) tappoġġa azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ, inkluż permezz ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, u l-iżvilupp u l-użu tal-għodod u l-infrastrutturi meħtieġa, inklużi l-infrastrutturi tal-IT.

TITOLU IV
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 35

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob li jsir hekk.

4. F'konformità mal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, rappreżentanti ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat tal-kumitat skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tiegħu u b'kont meħud tas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ma għandhomx jipparteċipaw f'deliberazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-eliġibbiltà ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Artikolu 36

Tħassir

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

Artikolu 37

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE u r-Regolament (UE) 2021/522, li għandhom ikomplu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.

2. Il-pakkett finanzjarju skont dan ir-Regolament jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u l-miżuri adottati skont id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE jew ir-Regolament (UE) 2021/522.

Artikolu 38

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3

1,1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 3

1,2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 3

1,3. Objettiv(i) 3

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali 3

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 3

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 3

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 3

1,4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': 4

1,5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 4

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 4

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 4

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 4

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 5

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 5

1,6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha 6

1,7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 6

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 8

2,1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar 8

2,2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 8

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 8

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 8

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 8

2,3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet 9

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 10

3,1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i 10
3,2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali 28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi 28
3,3. Impatt stmat fuq id-dħul 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI 29
4,1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali 30
4,2. Data 30
4,3. Soluzzjonijiet diġitali 31
4,4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà 31
4,5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali 32

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1,1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-finanzjament tal-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa, u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1313/2013 (Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili)

1,2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Il-protezzjoni ċivili u l-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa.

1,3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri biex jipprevjenu, jippreparaw u jirrispondu għat-tipi kollha ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, inkluż il-preparatezza u r-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa li jistgħu jseħħu fl-Unjoni jew barra minnha, inklużi sitwazzjonijiet fejn dawn ikollhom impatt simultanju fuq diversi setturi. Jipprovdi wkoll finanzjament għall-preparatezza u r-rispons għas-saħħa.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Ir-Regolament għandu jkopri l-protezzjoni tan-nies, tal-ambjent, tal-proprjetà, inkluż tal-wirt kulturali, kontra kull tip ta' diżastru naturali u kkawżat mill-bniedem, inkluż theddid transkonfinali serju għas-saħħa. Għandu jippermetti l-koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet fejn huma implimentati mekkaniżmi oħra tal-Unjoni għall-immaniġġar ta' kriżijiet.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Bħala riżultat ta' din il-proposta, l-Unjoni hija mistennija li titqiegħed f'pożizzjoni li taġixxi aħjar f'fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-ġestjoni tad-diżastri, jiġifieri l-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons, permezz ta' ppjanar u azzjoni kkoordinati li jantiċipaw u jtaffu r-riskji, itejbu l-preparatezza u jippermettu risponsi effettivi, inkluż għal emerġenzi tas-saħħa.

Il-proposta hija mistennija li tnaqqas ir-riskji, issaħħaħ ir-reżiljenza tal-popolazzjonijiet, l-infrastruttura u s-servizzi essenzjali u tikkontribwixxi għall-minimizzazzjoni tal-impatt tad-diżastri, inkluż theddid transkonfinali serju għas-saħħa.

Il-proposta hija mistennija li ssaħħaħ ir-rispons operazzjonali kollettiv fil-livell tal-Unjoni, tappoġġa l-miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet fil-livelli nazzjonali, u, b'hekk, trawwem il-ħiliet, ir-riżorsi u l-għarfien meħtieġa għall-ġestjoni tar-riskji, tnaqqas il-vulnerabbiltajiet u ttejjeb ir-reżiljenza għal theddid futur.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Ir-Regolament se jiġi evalwat u mmonitorjat f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament dwar il-Prestazzjoni. L-evalwazzjoni għandha titwettaq

f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u se tkun ibbażata fuq indikaturi rilevanti għall-objettivi tal-programm.

Ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni se jkompli jiddefinixxi l-prinċipji orizzontali li għandhom jiġu integrati fil-programmi baġitarji kollha inkluż il-UCPM, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kif ukoll id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni rilevanti.

Fl-aħħar nett, se jiġi żviluppat pjan ta' data biex jiġi żgurat li tkun disponibbli data operazzjonali. Ix-xogħol dwar dan diġà beda: Fil-bidu tal-2025, id-DĠ ECHO implimenta r-Repożitorju tad-Data dwar il-Protezzjoni Ċivili, wara l-evalwazzjoni tal-UCPM, li jiġbor data operazzjonali bħall-iskjeramenti ta' kapaċitajiet jew il-postijiet ta' kumulazzjoni ta' riżervi.

1,4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[34]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☒ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1,5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Il-protezzjoni ċivili Ewropea qiegħda tiffaċċja sfida severa minn xenarju ta' riskju u theddid li qed jaggrava minħabba taħlita dejjem aktar volatili ta' sfidi għas-sigurtà, għas-saħħa, għat-tibdil fil-klima u ambjentali. Il-proposta tressaq miżuri li jippermettu lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jadattaw għal spettru wiesa' ta' perikli u theddid minħabba li l-għadd ta' attivazzjonijiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni fis-snin li għaddew żdied drastikament, li jindika b'mod ċar li s-sistemi nazzjonali mfassla biex jindirizzaw id-diżastri u l-kriżijiet se jkomplu jkunu magħfusa fil-futur u għalhekk il-Mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jkun mgħammar b'mod adegwat biex jaġixxi b'mod aktar effiċjenti u effettiv. Fl-istess ħin, f'konformità mal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, huwa meħtieġ li jiġu żgurati l-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u l-appoġġ tal-operazzjonijiet transsettorjali fil-livell tal-Unjoni, b'appoġġ għall-isforzi nazzjonali. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi stabbilit Ċentru tal-UE għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet, li jibni fuq l-istrutturi u l-għarfien espert taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza, li se jkompli l-mandat tiegħu li jappoġġa l-Mekkaniżmu tal-Unjoni, u li jipprovdi punt ċentrali għall-koordinazzjoni operazzjonali mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, inklużi l-entitajiet awtorizzati mill-Istati Membri, kif ukoll is-servizzi tal-Kummissjoni. L-integrazzjoni tal-miżuri ta' preparatezza u ta' rispons għal emerġenzi tas-saħħa f'din il-proposta tipprovdi saff addizzjonali ta' protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE, li fl-aħħar mill-aħħar issaħħaħ ir-reżiljenza u tissalvagwardja l-popolazzjoni kontra firxa wiesgħa ta' theddid għas-saħħa.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment

[34] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Hekk kif il-kriżijiet qegħdin isiru aktar multidimensjonali u transfruntiera, in-nuqqasijiet fil-kapaċità jridu jiġu indirizzati fil-livell tal-UE — jew permezz ta' kapaċitajiet tal-UE jew permezz ta' sforzi kkoordinati bejn l-Istati Membri. Dan mhux biss jippermetti koordinazzjoni aħjar tal-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet imħaddma fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, iżda wkoll jiżgura li l-assistenza tal-UE tkun tista' tilħaq liċ-ċittadini kollha tal-UE fil-bżonn, filwaqt li jkollha impatt pożittiv aktar fit-tul għas-soċjetajiet u l-ekonomiji tal-UE. Il-kapaċitajiet kritiċi, bħal dawk offruti mill-programmi Galileo u Copernicus, huma sostenibbli biss permezz ta' azzjoni kollettiva, u joħolqu infrastrutturi strateġiċi li l-ebda Stat Membru ma jista' jikseb waħdu.

Barra minn hekk, l-azzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa biex tinbena l-kapaċità għar-rispons għall-kriżijiet permezz ta' prospettiva strateġika, ġestjoni integrata tar-riskji, tisħiħ tal-kapaċitajiet għar-rispons għal emerġenza transfruntiera, l-integrazzjoni transsettorjali u l-eliminazzjoni tal-lakuni fl-għarfien.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Kif ġie identifikat mill-Evalwazzjoni tal-UCPM (li għaliha kkontribwixxa l-programm tat-tagħlimiet meħuda tal-UCPM), stabbilit mir-rapport ta' Niniistö u analizzat aktar fil-Valutazzjoni tal-Impatt, il-kumplessità u n-natura b'diversi aspetti ta' kriżijiet transsettorjali bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jirrikjedu approċċ komprensiv u integrat għall-immaniġġar tal-kriżijiet, li jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib u effiċjenti bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex jinnavigaw b'mod effettiv l-isfidi li jippreżentaw. Dak iż-żmien dan inkiseb mill-pakkett tal-REACT-EU taħt il-politika ta' koeżjoni. Il-kuntest kurrenti tas-sitwazzjoni ġeopolitika jeħtieġ it-tisħiħ tal-preparatezza u l-prontezza ċivili u militari tal-Ewropa filwaqt li jitqiesu l-eżerċizzji ta' koordinazzjoni b'suċċess tal-imgħoddi.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

